# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 403 • OTTUBRU 2020 • L-40 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



Kulma jieħu nifs ħa jfaħħar il-Mulej.
**Faħħru l-Mulej għax hu tajjeb.**
Intom ilkoll li taqraw din il-kitba
**bierku l-Mulej.**

*Eżortazzjoni għat-Tifħir*
***San Franġisk t'Assisi***

***AĦNA LKOLL AĦWA***

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 **EDITORJAL**
San Franġisk t'Assisi u l-COVID-19
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

6 **SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA**
San Franġisk t'Assisi qaddis mudell għad-dinja tal-lum (It-Tielet Parti)
FR MARTIN MAMO OFMCap

10 **SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA**
Għeluq it-8 Ċentinarju miż-żjara ta' San Franġisk lis-Sultan tal-Eġittu – 1219 (It-Tielet Artiklu)
FR ALFRED CALLEJA OFMCONV

13 **100 SENA KAPPELLA GROTTA TA' LOURDES IL-KAPUĊĊINI – IL-FURJANA**
Pubblikazzjonijiet antiki tal-Kapuċċini Maltin dwar il-kappella-grotta tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana
REV. DR MARTIN MICALLEF OFMCap

19 **ĦIDMA MISSJUNARJA**
Mons. Joseph Leo White "... a lifelong service for the benefit of others" (L-Ewwel Parti)
JOE FLASK

23 **MILL-ĦAJJA TA' PADRE PIO**
Twelid (L-Ewwel Parti)
FR JOE BUTTIGIEG OFMCap

25 **POEŻIJA**
Agħmel li nimitawk. Għanja lit-tliet devozzjonijiet jew imħabbiet li kellu Missierna San Franġisk għal Ġesù
P. DOM. BONELLO OFMConv

26 **SPIRITWALITÀ ĠUŻEPPINA**
San Ġużepp – 150 sena patrun tal-Knisja universali - Dun Karm, il-poeta nazzjonali, u San Ġużepp (It-Tmien Parti)
JOSEPH C. CAMILLERI BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)

30 **PASTORALI TAS-SAĦĦA**
X'dedikazzjoni tal-għaġeb!
FR MARIO ATTARD OFMCap

32 **KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET**
"Inkunu b'saħħitna f'dinja marida"
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

34 **RIFLESSJONI**
Kontradizzjonijiet
JOE DEBATTISTA

35 **KOMPETIZZJONI**
FR WISTIN ATTARD OFMCap




### Ħsieb tal-faċċata

Disinn ta' Fra Mark Scicluna OFMCap
Il-Papa Franġisku nhar it-3 ta' Ottubru 2020, lejlet il-festa ta' San Franġisk t'Assisi, ser jagħtina s-6 dokument uffiċjali tiegħu (4 eżortazzjonijiet appostoliċi u 2 Enċikliċi). Huwa ser jiffirma u jippubblika uffiċjalment it-tieni ittra enċikliki tiegħu fuq il-qabar tal-Fqajjar t'Assisi, Patrun tal-Ekoloġija. Dan id-dokument li jġib l-isem ta' *"AĦNA LKOLL AĦWA"* jitkellem dwar il-familja umana waħda. Inkomplu nħallu lil San Franġisk, bħalma qed jagħmel il-Papa Franġisku, inebbaħna sabiex bil-ħolqien kollu NFAĦĦRU L-MULEJ GĦAX HU TAJJEB.



## BORD EDITORJALI


Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributur Malta
Alfred Ebejer

Distributur Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

Direzzjoni u Amministrazzjoni
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar: Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789


© Dawl Franġiskan 2020


Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena


Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



EDITORJAL

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

# SAN FRANĠISK T'ASSISI U L-COVID-19

Żgur li s-suġġett prinċipali li lkoll kemm aħna bħalissa qegħdin nitkellmu dwaru huwa l-pandemija tal-Coronavirus. Qegħdin nitkellmu dwaru mhux biss aħna l-Maltin u l-Għawdxin imma d-dinja kollha. Huwa s-suġġett topiku fuq livell mondjali – internazzjonali. U bir-raġun, għaliex m'hemmx rokna fid-dinja fejn dan il-virus ma daħalx u attakka miljuni ta' vittmi bil-qawwa inviżibbli tiegħu.

Inkiteb ħafna dwar dan is-suġġett. Kulħadd kiteb u ttratta l-pandemija mill-aspett tiegħu. Fost id-diversi perspettivi li minnhom ħarisna lejn dan il-virus kien hemm, l-ewwel u qabel kollox, dik medika. It-tobba qalulna tagħhom. It-tobba ppruvaw jgħidulna l-oriġini ta' dan il-virus, il-gravità tiegħu u anke x'għandna nagħmlu mhux biss biex ma jaħkimniex imma wkoll sabiex neħilsu minnu darba għal dejjem. Ħarisna lejn il-COVID-19 mill-aspett politiku u soċjoloġiku, mill-aspett ekonomiku u industrijali, mill-aspett turistiku u edukazzjonali. Nistgħu ngħidu li ttrattajna din il-pandemija minn kull aspett għaliex mhux biss daħlet u ħakmet kull pajjiż imma wkoll laqtet u heżżet kull qasam tas-soċjetà tagħna.

Ma' dawn l-aspetti li diġà semmejna ma naqasx l-aspett teoloġiku-bibliku u spiritwali. L-ilħna tal-Knisja semmgħu l-vuċi tagħhom, speċjalment dwar diversi mistoqsijiet fejn jidħol Alla u l-imħabba tiegħu, Alla u l-kastigi, Alla u r-rieda tiegħu: mistoqsijiet li jqumu meta jżurna l-għawġ, is-saram, il-mard u l-aktar il-mewt. U l-bniedem li jemmen isaqsi u jibqa' jsaqsi u għax jemmen isaqsi lil Alla.

## SAN FRANĠISK ILLUM

Qegħdin fix-xahar ta' Ottubru, ix-xahar li fih (4 ta' Ottubru) niċċelebraw il-festa tal-Qaddis t'Assisi. Meta naqraw il-ħajja ta' xi qaddis jew qaddisa, aktar u aktar meta niċċelebraw il-festi tal-qaddisin, nagħmlu sewwa meta npoġġuhom quddiemna bħala mudelli. Fuq kollox il-qaddisin qegħdin hemm mhux biss sabiex nammirawhom



u niċċelebrawlhom il-festi tagħhom, imma fuq kollox qegħdin hemm sabiex nimitawhom. Infittxu li l-virtujiet li għexu nagħmluhom tagħna billi ngħixuhom aħna wkoll illum. Għal dan il-għan nagħmlu sewwa meta lill-qaddis li nkunu qed niċċelebraw il-festa tiegħu ninkarnawh fiż-żminijiet tagħna billi nistaqsu: 'Li kieku kien jgħix magħna llum x'kien jagħmel? Kif kien iġib ruħu? X'kien jgħidilna biex nagħmlu? Huwa possibbli li lil San Franġisk t'Assisi, li għex aktar minn 800 sena ilu, inħarsu lejh bħala mudell għal żmienna, għas-seklu 21, għall-Knisja u s-soċjetà tagħna llum? X'għandu x'jgħidilna?'

### TAĦT IX-XEMX XEJN MHU ĠDID

Jgħaddu kemm jgħaddu s-sekli tal-istorja l-bniedem fl-essenza tal-eżistenza tiegħu jibqa' l-istess. Jinbidlu n-nies u ċ-ċirkustanzi, imma l-istorja tibqa' tirrepeti ruħha b'atturi differenti. Imma dejjem atturi umani maħkuma mid-dgħufija li tressaq lejn il-ħażen u d-dnub, atturi umani mogħnija b'virtujiet li jressqu lejn it-tajjeb u l-qdusija. San Franġisk, mogħni bl-ogħla virtujiet, għex fil-Knisja u s-soċjetà tas-seklu 13 magħġuna b'diversi karatteristiċi koroh u sbieħ li nsibuhom repetuti b'xejriet differenti anke fil-Knisja u s-soċjetà tagħna llum. Fost dawn il-fatturi li jibqgħu donnhom bħal ankra marbuta mal-bniedem ta' kull żmien hemm il-mard – kull mard, speċjalment dak kroniku u aktar u aktar terminali. Jekk illum qed nitkellmu dwar il-pandemija tal-Coronavirus, fis-seklu 13, li fih għex San Franġisk, insibu diversi mardiet li beżżgħu u werwru lill-umanità, bħalma kienu l-lebbra u l-pesta.

### SAN FRANĠISK JGĦANNAQ LIL-LEBBRUŻ

Bil-għan li npoġġu lil San Franġisk fi żmienna, fil-Knisja u fis-soċjetà tagħna, speċjalment quddiem din it-theddida tal-Coronavirus li qed taħkimna, irridu nħarsu lejn l-imġiba tal-qaddis tagħna quddiem il-mard u l-marid... hu x'inhu l-mard, hu min hu l-marid.





## KIF KIEN IĦARES LEJN IL-MARD?

L-ispiritwalità li San Franġisk t'Assisi ħallielna bħala wirt hija waħda mibnija fuq it-teoloġija tas-salib, li tibda proprju l-mixja tagħha minn Greccio – li jirrappreżenta l-ewwel Milied li seħħ f'Betlem – sal-Averna – li tirrappreżenta l-Kalvarju. Il-ħajja ta' San Franġisk wara l-konverżjoni tiegħu kienet dik li mhux biss jimxi wara Kristu imma li jsir Kristu ieħor. U dan għamlu billi *"ċaħad lilu nnifsu, refa' s-salib tiegħu ta' kuljum u ta ġidu lill-foqra"* billi hu stess għażel li jgħix fqir mal-fqar. Kristu mislub fis-salib ta' San Damjan kien it-tluq u l-pedament tal-ħajja ġdida tiegħu. Għalhekk fil-mard u fit-tbatija kien iħoss li qed ikun l-aktar qrib ta' Krsitu, li sar tbatija għalina. San Franġisk kien jifraħ quddiem il-mard għax fih kien jara xebh ma' Kristu, mezz ta' fidwa u l-akbar espressjoni ta' mħabba.

## KIF KIEN IĦARES LEJN IL-MARID?

Ma nixtieqx inqabbel lil min hu maħkum mill-Coronavirus mal-lebbruż, imma t-tnejn li huma fil-ġenesi tagħhom joffru sfida ta' biżgħat u inċertezzi. It-tnejn li huma jippossiedu l-qawwa tal-kontaminazzjoni – jistgħu jittieħdu – u għalhekk irridu nitbiegħdu minn min hu maħkum minn dan it-tip ta' mard. Lit-tnejn indaħħluhom fi kwarantina u nżommu lilna nfusna 'l bogħod minnhom... dik li llum aħna nsejħulha 'social distance'.

Imma kif kienet l-imġiba ta' San Franġisk quddiem din il-kategorija ta' morda? Nistgħu niġbru l-imġiba tal-Qaddis t'Assisi f'erba' kelmiet: 1) **IMĦABBA EROJKA:** kien imur jiekol magħhom mill-istess skutella li fiha kienu jieklu huma u saħansitra wasal sabiex mhux biss għannaq imma bies fuq xufftejh wieħed lebbruż; 2) **SOLIDARJETÀ:** tant li kien imur jgħix magħhom, hu u sħabu kienu jittallbu l-karità sabiex jgħinu lil-lebbrużi; 3) **KONVERŻJONI:** hekk kif fil-mument tat-tgħanniqa li San Franġisk ta lil wieħed lebbruż dan iħares lejh bħala l-mument kruċjali tal-konverżjoni tiegħu, il-Fqajjar t'Assisi kien



jaħdem fuq livell spiritwali għall-konverżjoni tal-istess lebbrużi, speċjalment meta dawn kienu jeħduha kontra Alla minħabba dan il-mard; 4) **FIHOM KIEN JARA LIL KRISTU BATUT:** ma tistax tgħid li inti tħobb lil Kristu u dan mislub jekk ma tasalx biex tħobb u tgħannaq lill-marid. Kull marid, għal San Franġisk, kien Kristu ieħor.

Kemm hu sabiħ meta l-bniedem quddiem kull hemm jitgħallem bil-qawwa tal-fidi tiegħu jibqa' ottimist, pożittiv, ferħan u seren! Din hija l-qawwa moħbija tal-fidi-fiduċja f'Alla, li mix-xewk kapaċi joħroġ il-ward. U proprju dan hu li San Franġisk qed jgħallimna quddiem l-isfida tal-pandemija tal-Coronavirus, li qed imissna ngħixu bħala parti mill-istorja ta' ħajjitna. Nidħlu għaliha mlibbsa b'dik l-enerġija li l-evanġelju jagħtina, hekk kif għamel ma' San Franġisk.

Il-Mulej jagħtikom is-sliem! ■

FR MARTIN MAMO OFMCap



# SAN FRANĠISK T'ASSISI QADDIS MUDELL GĦAD-DINJA TAL-LUM (IT-TIELET PARTI)



### SAN FRANĠISK – FIGURA TA' SAN PAWL FIS-SEKLI XII U XIII

Għalkemm San Franġisk u San Pawl għexu fi żminijiet imbiegħda, xorta l-ispirtu li bih ġew imsejħa huwa l-istess wieħed. San Pawl seħħet fih konverżjoni hekk kif kien fi triqtu lejn Damasku: **"F'daqqa waħda għall-ħabta ta' nofsinhar dawl kbir mis-sema idda madwari"** (Atti 22, 6). Kien dak id-dawl li minħabba fih San Pawl għama u dam tlett ijiem hekk, la jara u lanqas jiekol.

Hekk kif għal San Pawl il-laqgħa ma' Kristu seħħet fi triqtu lejn Damasku, Franġisku ltaqa' mal-Mulej fil-kampanja t'Assisi.

B'xebh kbir ma' San Pawl, San Franġisk stqarr li l-istil ta' ħajja li addotta ma xorbux minn suġġerimenti tal-bnedmin imma biss minn tnebbiħ divin.

San Franġisk u San Pawl ma qagħdu jomogħdu kliemhom xejn. It-tnejn li huma kienu umli biżżejjed biex joqogħdu għall-pariri tal-awtorità għolja. Pawlu rħielha lejn Ġerusalemm biex jissottometti ruħu quddiem Kefa, Ġwanni u Ġakbu, meqjusa bħala kolonni, u wriehom l-evanġelju li kien qed ixandar ħalli ma jkunx ġera għalxejn. San Franġisk irħielha lejn Ruma: "Immorru għand ommna l-Knisja mqaddsa Rumana u ntarrfu lill-Papa b'dak li l-Mulej beda

jwettaq bina." (*3 compagni*)

San Pawl ipprietka fuq il-virtujiet teologali tal-fidi, it-tama u l-imħabba (1 Kor. 13). U San Franġisk quddiem il-kurċifiss ta' San Damjan ukoll talab biex dawn il-virtujiet jitnisslu fih u żidilhom l-aġġettiv: "O l-Aktar Għoli, Alla Glorjuż, dawwal int id-dlamijiet ta' qalbi u agħtini fidi vera, tama ċerta u mħabba perfetta, flimkien mal-għaqal u l-għerf, biex inkun nista' nobdi l-kmandamenti tiegħek, Qaddis u Veru."



## IL-ĦAJJA TAGĦNA HIJA L-EVANĠELJU

L-Evanġelju, li hu l-prinċipju tal-ħajja tal-Knisja, sar il-prinċipju ta' San Franġisk. Hu għex l-Evanġelju u xtaq li wliedu wkoll jgħixu l-Evanġelju billi jsiru evanġelizzaturi. L-ewwel kapitlu tar-Regola jgħid li l-aħwa għandhom jgħixu l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu. Din kienet ukoll l-għajta tas-sinodu djoċesan li sar f'Malta fl-2003. Evanġelizzazzjoni bix-xandir tal-kelma, bis-sagramenti, bil-liturġija, bid-djakonija u l-promozzjoni tal-ġustizzja.

San Franġisk huwa l-bniedem fenomenali għax huwa ta' viżjoni ċara għall-Knisja minkejja l-mard li kellu f'għajnejh. San Franġisk huwa l-bniedem fenomenali għax antiċipa t-tagħlim mogħti lilna mill-Konċilju Vatikan II. San Franġisk huwa l-bniedem fenomenali għax huwa appell ta' tama ġdida għal umanità ġdida. San Franġisk huwa l-bniedem fenomenali għax huwa r-risposta ta' dak li trid l-umanità tal-lum: il-paċi.

San Franġisk huwa fenomenu għax kien bniedem ta' ottimiżmu kbir, raġel b'moħħu miftuħ fis-sekli XII u XIII. Ġie fi żmien meta l-Knisja kienet għaddejja minn taqlib u tiġdid sħiħ, frott ta' diversi fatturi. Ma ninsewx li l-Knisja kienet għadha kif qamet wara ġlieda twila u iebsa tal-investitura, u issa kienet kisbet qagħda prestiġjuża kbira u politika, u setgħa materjali, moħħha fl-arti, fil-frugħa u l-poter. Ir-riforma mibdija b'tant għaqal u sagrifiċċju mill-Papa Girgor VII li ma rnexxilux iwettaq, tant li spiċċa eżiljat f'Salerno, twettqet mill-Papa Innoċenz III. Riforma fil-Knisja, Knisja mġedda u b'dehra aktar evanġelika. San Franġisk kellu sehem kbir f'dan it-tiġdid fil-Knisja.

Din hija t-tifsira tal-ħolma tal-Papa Innoċenz meta ra żagħżugħ fqajjar iżomm f'idejh il-knisja tal-Lateran. Il-Konċilju Lateran IV kien it-tweġiba li flimkien mal-ordnijiet Mendikanti taw lill-

Knisja d-dehra ġdida tagħha li l-poplu kien ħerqan li jara. Kien hawn li San Franġisk iltaqa' ma' San Duminku fl-1215.

### SAN FRANĠISK U SAN DUMINKU

Irrid ngħid li San Duminku missierna kellu stima kbira lejn Franġisku u viċi versa.

***"Ngħidilkom is-sewwa, ir-reliġjużi l-oħrajn għandhom jimxu wara dan ir-raġel qaddis Franġisku, tant hu perfett fil-qdusija tiegħu."***

Hekk kien stqarr darba l-qaddis tant għażiż għalina l-Franġiskani, San Duminku ta' Gużman. Naqraw fil-*Leggenda Perugina* numru 649 u anki fiċ-*Celano II* numru 148 u fi *Speculum Perfectionis* edizzjoni ta' Paul Sabatier, numru 43, li darba San Franġisk u San Duminku ltaqgħu għand il-Kardinal Ugolino Dei Conti Di Segni, li kien isqof ta' Ostia u li wara sar papa, fil-belt ta' Ruma. Il-Kardinal qalilhom: "Għaliex ma naħtrux isqfijiet u prelati lil dawk fost l-aħwa tagħkom li minħabba t-tagħlim u l-eżempju jgħaddu lill-oħrajn?" Qamet diskussjoni bejn iż-żewġ qaddisin dwar min iwieġbu l-ewwel. Beda Duminku u qallu: "Sinjur, l-aħwa tiegħi, jekk jifhmu dan, diġà ġew mgħollijin għal ġieħ kbir, u jien min-naħa tiegħi ma nħallihomx jilħqu dinjità aktar għolja." Wara din it-tweġiba Franġisku mejjel rasu quddiem l-isqof u qallu: "Sinjur, l-aħwa tiegħi jissejħu 'minuri' biex ma jmurx ifettlilhom ikunu kbar bis-sejħa tagħhom, u tgħallimhom jibqgħu dejjem fl-umiltà, li jimxu fuq il-passi ta' Kristu li ċekken lilu nnifsu sabiex fl-aħħar jiġu mgħollijin minn kulħadd quddiem il-qaddisin. Jekk inti trid li jagħmlu frott fil-Knisja ta' Alla, ħallihom fis-sejħa tagħhom. Mhux biss, imma niżżilhom dejjem aktar 'l isfel, ukoll kontra r-rieda tagħhom. Missier, nitolbok sabiex ma tħallihomx ikunu kburin imma foqra, u li ma juru qatt lilhom infushom imkabbrin fuq l-oħrajn, u għaldaqstant la tħalli qatt li huma jogħlew għall-uffiċċju ta' prelati."

Qabel ma nfirdu, San Duminku talab lil San Franġisk sabiex jogħġbu jagħtih il-kurdun li kien imħażżem bih. Franġisku, minħabba l-umiltà, qajla kien lest jagħmel dan, imma dak kompla jitolbu bil-karità kollha. Fl-aħħar rebaħ, bl-insistenza tat-talb devot tiegħu, u wara li rċieva l-kurdun Duminku libsu b'qima kbira taħt it-tonka. Imbagħad ħadu b'idejn





xulxin u rrakkomandaw lil xulxin b'mod mill-aktar ħelu wieħed lill-ieħor. Imma hawn San Duminku jitlob bħal suġġeriment lil San Franġisk u jgħidlu: "Ħija Franġisku, jiena nixtieq li nagħmlu ordni wieħed mill-aħwa tiegħi u tiegħek, u li fil-Knisja aħna ngħixu taħt l-istess regola ta' ħajja." San Duminku baqa' bla tweġiba.

Huwa fatt li San Franġisk huwa artist kbir, u li għalkemm apprezza l-artisti ta' fama kbira li ġew fi żmienu jew qablu, hu baqa' jgħożż u jħaddem il-maestrija oriġinali tiegħu. Hi ħaġa żgura li San Franġisk kien iħoss qalbu tingħafas minn min ried jeħodlu l-istil personali ta' kif hu beda jgħix l-Evanġelju. San Franġisk baqa' sod f'dan l-ideal, li saħansitra ma ddejjaqx jopponi anki lil ħutu għorrief li fil-Kapitlu tal-Ħsajjar ipproponewlu jaddotta xi waħda mir-regoli eżistenti, jew ta' San Benedittu jew ta' Santu Wistin jew ta' San Bażilju. ***'Issemmili ebda regola oħra. Il-Mulej nebbaħni li r-rieda tiegħi hi li jien inkun miġnun*** *(imħeġġeġ għal Alla)* ***fid-dinja. Dan hu l-għerf illi Alla jridna nħaddmu.'*** (Legg. Perugina)

San Franġisk huwa xebh ta' Ġesù. Bil-ħasil tar-riġlejn Kristu rawwem lill-appostli kif jaqdu, filwaqt li fit-tindif tal-ferita tal-imġiddem San Franġisk wera lil uliedu li għandhom jaqdu u jnaddfu l-erwieħ u jressquhom lejn Alla. Tkun verament ħaġa assurda għalina l-Franġiskani, quddiem tant nies emarġinati, jistennew bil-ħniena li jiltaqgħu ma' xi ħadd lest li jgħinhom, quddiem tant ġenituri mbikkija minħabba wliedhom ilsiera tad-droga u quddiem tant familji mfarrka minħabba xi kriżi fiż-żwieġ tagħhom, nibqgħu passivi u ma nħossux li għandna nittempraw l-ispirtu tagħna ta' qadi u ninbidlu f'Samaritani u nsiru l-id il-leminija ta' tant qlub maqsuma. Kemm hija kbira l-vokazzjoni tagħna u x'teżor kbir f'ġarar tal-fuħħar! Ejjew bħal San Franġisk nisimgħu leħen il-kurċifiss ikellimna. Forsi l-Knisja llum ukoll qed tiġġarraf; forsi hija l-ħajja tagħna personali li qed tiġġarraf. Forsi l-vokazzjoni tagħna qed tiġġarraf jew il-fraternità jew l-Ordni tagħna. Dan il-kliem tal-kurċifiss: "Mur sewwi l-Knisja tiegħi li qed tiġġarraf" iġegħelna ngħixu għal xulxin ħalli Kristu fina, bina u permezz tagħna jsewwi, ifejjaq u jimla b'entużjażmu ġdid il-ħajja tagħna ta' xulxin.

Il-Knisja li jien imsejjaħ biex insewwi llum hija dak li Kristu miet għalih, u li ġie mogħti lili b'rigal fil-fraternità. Biex nagħmlu hekk irridu nsiru bħal San Franġisk, xebh ta' Kristu. "Kien dejjem ma' Ġesù. Ġesù f'qalbu, f'fommu, f'widnejh u f'għajnejh. Hu dejjem żamm lil Ġesù f'ġismu. Bi mħabba tal-għaġeb hu żammu f'qalbu u ffissa ħarstu fuq Kristu msallab" (1 Ċel., 115). Sar ikkonfermat ma' Kristu: "Mhux jien ngħix iżda Kristu jgħix fija" (Gal. 2, 19). Lilna, uliedu, riedna ngħixu bħalu u qalilna dan il-kliem għażiż:

"Kunu qaddisin għax Hu qaddis, u bħalma lilkom il-Mulej Alla, minħabba f'dan il-misteru li Hu fdalkom, qiemkom fuq kulħadd, hekk ukoll intom għandkom tħobbuh, tqimuh, tagħtuh ġieħ fuq kulħadd. Tkun ħasra kbira u dgħufija ta' min jistmerrha li waqt li jkollkom lilu preżenti fostkom, tħallu li ħsibijietkom jedhew f'xi ħaġa oħra li hawn fid-dinja, kienet liema kienet." (Ittra lill-Ordni Kollu 15, 23-25) ■

FR ALFRED CALLEJA OFMConv



# GĦELUQ IT-8 ĊENTINARJU MIŻ-ŻJARA TA' SAN FRANĠISK LIS-SULTAN TAL-EĠITTU – 1219 (IT-TIELET ARTIKLU)



### SAN FRANĠISK KAP TA' EŻERĊTU BLA ARMI U VJOLENZA

L-istorja tgħidilna li fi żmien San Franġisk il-Knisja kienet għaddejja minn ħafna problemi u diffikultajiet kbar, kemm minn ġewwa u kemm minn barra. Kienu nibtu diversi ereżiji u n-numru tal-eretiċi beda jikber ġmielu. Bdew jidhru u jinħassu fost il-kleru u l-istituzzjonijiet tal-Knisja qasmiet, nuqqasijiet u tensjonijiet profondi, indħil mill-awtoritajiet ċivili fl-għażla tal-isqfijiet, ħajja morali ħażina ħafna fost l-Insara, ġlied bejn sezzjoni u oħra tal-poplu, ġirja sfrenata għall-għana u l-unuri tad-dinja, nuqqas ta' fidi u piki bejn knisja u oħra. Inżid ukoll it-telfa tal-postijiet qaddisa ta' Kristu fil-Palestina, li kompliet iżżid u tkabbar il-weġgħat tal-Knisja.

L-għażliet u d-deċiżjonijiet li għamlet u ħadet il-Knisja biex tieħu lura l-Art Imqaddsa kienu qawwija u f'għamliet vjolenti, li ġabu magħhom il-gwerer. Hija kienet iżżomm u tippritka li t-telfa ta' dik l-art qaddisa hija opra tax-xitan u r-rebbieħa huma x-xjaten. Saħansitra kien hemm qaddisin, bħal San Bernard ta' Chiaravalle, jippritkaw favur il-kruċjati. Il-Papa Innoċenz III, imnikket għall-aħħar minn din is-sitwazzjoni tal-Knisja, kiteb diversi ittri appostoliċi biex irażżan il-qagħda ħażina tan-nies tal-Knisja. Iżda fl-14 ta' Diċembru 1215 sejjaħ konċilju, dak tal-Lateran IV, li fih nieda l-Ħames Kruċjata, bil-ħsieb u bit-tama li din tkun l-aħħar ġlieda kontra l-għedewwa u l-Art Imqaddsa terġa' tiġi f'idejn il-Knisja darba għal dejjem. Il-Ħames Kruċjata bdiet fis-sena 1217. Franġisku

t'Assisi għex f'din l-atmosfera tal-kruċjati, għaliex matul ħajtu saru tliet kruċjati.

## L-INSARA JIRBĦU DAMIETTA

Il-ġrajja kollha taż-żjara ta' San Franġisk lis-Sultan Al-Malek al-Kamel f'Damietta, l-Eġittu saret fi żmien meta l-qawwiet militari Nsara kienu qed jattakkaw lis-Saraċini biex jirbħu lura l-belt ta' Damietta. Fil-fatt l-Insara rebħu Damietta fix-xahar ta' Novembru 1219. San Franġisk telaq mill-Italja f'Ġunju 1219. Hemm min jgħid li telaq mill-port ta' Ancona (Le Marche) u oħrajn iżommu li hu telaq mill-port ta' Brindisi (Bari). Għadda minn Candia u Rodi u daħal f'Damietta, belt fuq il-Baħar Mediterran. Din il-belt minn naħa waħda hija qrib il-Kajr u Lixandra fl-Eġittu u min-naħa l-oħra qrib Ġerusalemm. Il-patrijiet kienu jgħixu fil-belt ta' Akri, li minn naħa waħda hija qrib Ġerusalemm u min-naħa l-oħra tagħha qrib Damasku fuq il-Baħar Mediterran.

Fil-fehma tiegħi, l-aqwa żewġ kittieba li kitbu l-ġrajja tal-mawra ta' San Franġisk f'Damietta, b'mod ċar ħafna, huma San Bonaventura u Monsinjur Jacques de Vitry, l-isqof tal-belt ta' Akri. Dan l-isqof kien favur il-ġlied tal-kruċjati. Huwa wkoll xhud dirett taż-żjara ta' San Franġisk f'Damietta fl-Eġittu. Inħoss li ħadd daqshom ma jista' jirrakkontalna l-ġrajja kollha.

Ħafna studjużi jgħidu li San Franġisk, wara l-konverżjoni tiegħu, kien biddel il-fehmiet kavallereski ta' żgħożitu u sar kontra l-kruċjati mitlubin b'ħerqa u b'ħeġġa kbira mill-awtorità tal-Knisja bl-għajnuna tal-awtoritajiet ċivili. Hu ma kienx jaqbel mal-użu tal-armi u l-vjolenza għar-rebħa lura tal-Art Imqaddsa. San Franġisk kien bniedem mimli bl-ispirtu ta' Alla, bniedem tal-paċi u tad-djalogu. Kien fundatur ta' ordni li jiġbor fih lil kulħadd bħala 'aħwa', il-fraternità Franġiskana. F'dan il-kuntrast tal-ħsieb bejnu u bejn il-mexxejja tal-Knisja fuq din il-kwistjoni jinsab **il-qofol tal-vera tifsira**, kemm tal-ftuħ tal-provinċja l-ġdida f'Akri u ż-żjara tiegħu f'dik l-art u kemm tal-laqgħa wiċ imb wiċċ mas-Sultan. Nistgħu nibqgħu niktbu ħafna ħwejjeġ oħra fuq din il-laqgħa famuża ġewwa Damietta fl-Eġittu. Naħseb li biex nagħlqu din is-sensiela ta' artikli huwa biżżejjed u xieraq li nġibu r-rakkonti storiċi ta' San Bonaventura u tal-Isqof de Vitry li juru biċ-ċar din l-evidenza.

## IL-KITBIET TA' SAN BONAVENTURA

San Bonaventura fil-*Legenda Maior Sancti Francisci,* kapitlu IX (9) numri 7, 8 u 9: "Għat-tielet darba pprova jmur fil-pajjiżi tal-infidili, bit-tama li bit-tixrid ta' demmu jirnexxilu jxerred il-fidi fit-Trinità. Fit-tlettax-il sena tal-konverżjoni tiegħu reħielha mill-ġdid lejn l-inħawi tas-Sirja u b'kuraġġ ta' sur ħabbat wiċċu ma' bosta perikli, bit-tama li jirnexxilu jidher quddiem is-Sultan tal-Babilonja. Dik il-ħabta bejn l-Insara u s-Saraċini kien hemm gwerra qalila għall-aħħar. Ħadd ma kien jissogra jaqsam minn naħa għall-oħra mingħajr il-periklu tal-mewt. Iżda Franġisku, is-suldat qalbieni ta' Kristu, bit-tama li kien se jara xewqtu mitmuma f'qasir żmien, qatagħha li jagħmel dan il-pass (n. 7). Ħa miegħu wieħed mill-aħwa, li kien jismu Illuminato. Komplew triqithom u minnufih iltaqgħu magħhom l-għases Saraċini... Ġabu ruħhom magħhom bi ħruxija kbira u żebilħuhom kemm felħu, sawtuhom u rabtuhom bil-ktajjen. Fl-aħħar, bi pjan divin tal-providenza ta' Alla, ħaduhom quddiem is-Sultan, kif kienet ix-xewqa tal-bniedem ta' Alla... Lis-Sultan ippritkalu dwar Alla wieħed fi tliet persuni u dwar Ġesù Kristu, is-Salvatur ta' kulħadd... Is-Sultan ukoll ammira fil-bniedem ta' Alla l-ħeġġa tal-ispirtu u l-kuraġġ li kellu, u kien jisimgħu bil-qalb, anzi talbu b'insistenza biex joqgħod miegħu... Meta ra li ma kien qed jagħmel ebda progress f'li jikkonverti lil dawk in-nies, u lanqas ma kien ser jara xewqtu tinqata', imwissi minn rivelazzjoni divina, mar lura lejn il-pajjiżi Nsara."

Jacques de Vitry, dwar l-Ordni u l-predikazzjoni tal-patrijiet minuri: *Historia Occidentalis*, n. 14:

"Aħna stajna naraw lil dak li hu l-ewwel fundatur u l-imgħallem ta' dan l-Ordni, u li lilu jobdu l-oħrajn kollha bħala s-superjur ġenerali tagħhom. Hu raġel sempliċi u bla skola imma għażiż għal Alla u għall-bnedmin, jismu Fra Francino. Hu kien hekk mimli bi mħabba qawwija u ħeġġa tal-ispirtu li, meta ġie fl-eżerċtu Kristjan, li kien ikkampjat quddiem Damietta, fl-art tal-Eġittu, ried imur bla biża' u armat biss bit-tarka tal-fidi fil-kamp tas-Sultan tal-Eġittu. Lis-Saraċini li kienu qabduh priġunier tul it-triq hu beda jtennilhom: 'Jien Nisrani; ħuduni quddiem is-sinjur tagħkom.' Meta ħaduh quddiemu, u s-Sultan qies il-bixra tal-bniedem ta' Alla, il-bhima kiefra ħassu mibdul fi bniedem umli, u għal bosta ġranet kien jisimgħu bir-reqqa, waqt li hu kien jippritka lil Kristu quddiemu u quddiem il-kbarat tiegħu. Imbagħad, billi beda jibża' li xi ħadd minn dawk ta' madwaru jħalli lilu nnifsu jikkonverti lejn il-Mulej minħabba l-qawwa tal-kliem tiegħu... reġa' bagħtu lura fil-kamp tagħna, bil-ġieħ u bil-ħarsien mill-periklu. Hu u jinfired minnu talbu hekk: 'Itlob għalija, sabiex Alla jogħġbu jurini liema liġi u fidi hi l-aktar li togħġbu.'"




Dawn iż-żewġ siltiet li ppreżentajt juru bl-aktar mod ċar u konvinċenti l-verità storika tal-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan Al-Malek. Insibu kitbiet oħra fil-fonti Franġiskan dwar din il-laqgħa, bħal Tommaso da Celano, il-*Leggenda dei Tre Compagni* u oħrajn.

Dan it-tmien ċentinarju jkompli juri l-kobor tal-qdusija tas-Serafiku Missierna San Franġisk t'Assisi. Il-qdusija tiegħu jurihielna San Bonaventura meta kiteb: *"Kien raġel imsejken u niedem f'qalbu, imma l-Aktar Għoli xeħet ħarstu fuqu b'tant ħniena u tjubija li mhux biss qajjem lill-imsejknin mit-trab ta' ħajja skont id-dinja, iżda għamel ukoll li huwa jgħix u jistqarr bil-miftuħ il-perfezzjoni evanġelika, u jkun mexxej u xandar tagħha. Qiegħdu bħala dawl għal dawk li jemmnu, biex waqt li jagħti xhieda għad-dawl, hu jkun jista' jħejji għall-Mulej it-triq tad-dawl u s-sliem fi qlub il-fidili tiegħu."* (L. M. 1) ■



REV. DR MARTIN MICALLEF OFMCap

# PUBBLIKAZZJONIJIET ANTIKI TAL-KAPUĊĊINI MALTIN DWAR IL-KAPPELLA-GROTTA TAL-MADONNA TA' LOURDES FIL-FURJANA

Nistgħu ngħidu li l-Kapuċċini Maltin kienu minn ta' quddiem li xerrdu d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes, mhux biss permezz tal-bini tal-kappella-grotta ddedikata lilha mibnija biswit il-knisja tagħhom fil-Furjana,[1] imma wkoll permezz ta' numru ta' pubblikazzjonijiet li fihom insibu tagħrif dwar id-dehriet tal-Madonna f'Lourdes, talb marbut ma' din id-devozzjoni kif ukoll tagħrif storiku dwar l-imsemmija kappella-grotta tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana, li din is-sena jaħbat l-ewwel ċentinarju mit-tberik u l-ftuħ tagħha. Għal din l-okkażjoni se nagħtu ħarsa lejn dawn il-pubblikazzjonijiet marbuta ma' din il-kappella, sabiex it-tifkira tagħhom ma tintilifx.

### PUBBLIKAZZJONI FL-OKKAŻJONI TAL-FTUĦ TAL-KAPPELLA

*Le Apparizioni di Lourdes:*



LE APPPARIZIONI DI LOURDES

RICORDO
del faustissimo di 26 Dicembre 1920
quando
Sua Ecc: Revma. Dom Mauro Caruana
tra la comun santa esultanza
inaugurava la nuova Cappella
dedicata alla
B. V. di LOURDES
dei RR. PP. Cappuccini di Floriana

*Ricordio del faustissimo di 26 Dicembre 1920 quando Sua Ecc. Revma Dom Mauro Caruana O.S.B., G.C.O.G., K.C.B.E. tra la comun santa esultanza inaugurava la nuova Cappella dedicata alla B.V. di Lourdes dei RR. PP. Cappuccini di Floriana.* Dan huwa t-titlu ta' pubblikazzjoni stampata fl-1920 mill-Empire Press (8, Strada Magazzini, Floriana). It-titlu twil ta' dan il-ktejjeb bi 38 paġna (10x14 ċm), stampat b'qoxra blu, jurina li l-okkażjoni ta' din il-pubblikazzjoni kienet il-ftuħ tal-kappella l-ġdida tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana, ċerimonja li seħħet l-għada tal-Milied tas-sena 1920 u li kienet tmexxiet mill-Isqof ta' Malta Dom Mauro Caruana.[2]

Il-ktejjeb, miktub bit-Taljan, huwa ddedikat lil San Franġisk t'Assisi, kif naqraw fl-ewwel paġna. Wara d-dedika nsibu stampat ritratt iswed bl-abjad li juri x-xbieha tal-Madonna ta' Lourdes. F'paġna 3 hemm introduzzjoni qasira għall-ktejjeb li titkellem dwar id-domma tal-Immakulata Kunċizzjoni mill-Papa Piju IX u d-dehriet tal-Madonna f'Lourdes. Il-ktejjeb jagħti dettalji fuq kull waħda mid-dehriet tal-Madonna f'Lourdes, bid-data korrispondenti tad-dehra. F'paġna 37 (ara wkoll p. 38) insibu 'Nihil obstat' tal-ktieb bid-data tad-29 t'Ottubru

**REFERENZI**

1. Ara Holland, Nigel. "Ir-rabta Kbira bejn il-Madonna ta' Lourdes u l-Floriana", *Il-Furjana* (April-Ġunju 2008): 4-7.
2. Dwar dak li seħħ dakinhar tal-ftuħ tal-kappella ara "Timotju mill-Belt Valletta", *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan*, Malta: Empire Press, 1955: 37. Għal ritratt ta' din l-okkażjoni ara "Ritratt bi storja", *Il-Furjana* (Jannar-Marzu 1999): 12.

1920, mogħtija mill-Kan. Farrugia, ċensur teoloġiku. F'paġni 37 u 38 hemm stampata talba lill-Madonna ta' Lourdes biex jinqalgħu grazzji speċjali. Fl-aħħar tat-talba fuq p. 38 insibu nota li tgħid li l-Isqof Don Mauro Caruana, fit-8 ta' Novembru 1920, kien qed jagħti lill-fidili li jtennu din it-talba indulġenza ta' 100 jum.

### KTEJJEB TA' TIFKIRA

Ktejjeb ieħor iġib l-isem *A Maria Immacolata Madre di Cristo Dio la cui meraviglia possanza a materna clemenza soavemente disposata proclama lo speco di Lourdes mentre nell'atteggiamento celeste onde un giorno apparve a Bernardetta fra devoto entusiasmo accade all'alegante edicola oggi solennemente inaugurata auspice la Serafica famiglia del Poverello d'Assisi plaude festoso il popolo Maltese.*


A MARIA IMMACOLATA
MADRE DI CRISTO DIO
LA CUI MERAVIGLIOSA POSSANZA
A MATERNA CLEMENZA SOAVEMENTE DISPOSATA
PROCLAMA LO SPECO DI LOURDES
MENTRE NELL'ATTEGGIAMENTO CELESTE
ONDE UN GIORNO APPARVE A BERNARDETTA
FRA DEVOTO ENTUSIASMO
ACCEDE ALL'ELEGANTE EDICOLA
OGGI SOLENNEMENTE INAUGURATA
AUSPICE LA SERAFICA FAMIGLIA
DEL POVERELLO D'ASSISI
PLAUDE FESTOSO IL POPOLO MALTESE.
MONS. L. F.

Dan il-ktejjeb (15x22 ċm) hu magħmul biss minn 16-il paġna u bħal dak ta' qablu ġie stampat fl-istamperija (tipografija) Empire (8, Strada Magazzini, Floriana). Fuq il-frontispizju, minbarra t-titlu twil li kkwotajna, hemm stampata xbieha tal-Madonna ta' Lourdes. Isfel nett insibu l-firma tal-editur tal-ktejjeb: "Mons. L. F.", li wisq probabbli jirreferi għal Mons. Luigi Farrugia, li jagħti n-'Nihil obstat' għal din il-pubblikazzjoni, kif naqraw f'paġna 16.

Mit-titlu tal-ktejjeb huwa ċar li din il-pubblikazzjoni ġiet ippreparata fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-kappella l-ġdida tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana, f'Diċembru tal-1920. Fl-ewwel faċċata min-naħa ta' ġewwa nsibu poeżija qasira ffirmata bl-inizjali "G. M. A.", li ġġib l-isem "Innanzi alla nuova grotta" (*Quddiem il-Grotta l-ġdida*). F'paġni 4 u 5 nsibu introduzzjoni bit-titlu "Reminiscenze" (*Tifkiriet... minn Lourdes*) miktuba bit-Taljan u ffirmata bl-inizjali "L. F.", tal-editur tal-pubblikazzjoni. Immedjatament wara, f'paġna 4, insibu poeżija bit-Taljan bl-isem "Va. Maria", miktuba mill-magħruf poeta Malti u patri Karmelitan, A[nastasio] Cuschieri O.C. Fil-paġna ta' wara naqraw l-ewwel dedika bil-Latin, iffirmata minn A. Bartoli, u taħtha poeżija bit-Taljan bl-isem "Trahe Nos..." iffirmata minn P. A. Vella.

F'paġna 6 nsibu żewġ poeżiji oħra bit-Taljan. L-ewwel waħda miktuba minn Alfonso Giglio, bl-isem *O Tutta Santa, O Virgo Immacolata!* It-tieni poeżija, miktuba minn A. Cesareo, għandha l-isem *Preghiera alla Madonna.* F'paġna 7 hemm poeżija itwal, miktuba bit-Taljan minn V. Laurenza, bl-isem *Lauda del Frate Ignoto: A. P. Francesco da Floriana,* li ġġib id-data tas-7 ta' Diċembru 1920. L-imsemmi Patri Franġisku mill-Furjana huwa l-patri li ħolom bil-proġett tal-bini tal-kappella-grotta ddedikata lill-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana.[3]

F'paġna 8 nsibu talba lil Marija miktuba bil-Malti, filwaqt li f'paġni 9 u 10 hemm artiklu bl-isem "Sa fl-aħħar!", miktub minn dak li jiffirma bl-inizjali "M. G." Dan l-artiklu jiġbor fih fil-qosor l-istorja tal-bini tal-kappella tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana. F'paġna 11 naqraw poeżija bil-Malti bl-isem *Lill-Knisja l-ġdida tal-Madonna ta' Lourdes meta ġiet imżanżna,* miktuba minn Dun Karm fl-14 ta' Diċembru 1920. F'paġna 12 insibu poeżija oħra bil-Malti bl-isem *Lil Marija ta' Lourdes (Wegħda)*, iffirmata minn G. M. A. u bid-data tad-29 ta' Novembru 1920. Taħtha nsibu poeżija oħra

**REFERENZI**

3. Ara Vella Apap, Nikol. "Ġrajjiet il-Kappella-Grotta tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana", *In-Nazzjon*, 11.2.1985: 12.

bl-isem *Malta lill-Madonna ta' Lourdes: Talba*, iffirmata minn Mons. Gauci u li ġġib id-data ta' Diċembru 1920. F'paġna 13 insibu poeżija oħra twila miktuba bil-Malti, li ġġib l-isem *Tota Pulchra es*, miktuba minn Mons. Gauci f'Diċembru 1920. Mifruxa fuq żewġ paġni oħra (paġni 14 u 15) insibu poeżija oħra bil-Malti bl-isem *Lil Marija Verġni ta' Lourdes fil-jum tal-ftuħ Solenni tal-knisja ġdida tagħha fil-Furjana.* Din il-poeżija, magħmula minn 10 strofi, hija miktuba minn Mons. Paolo Cauchi u hi ffirmata f'Għawdex fid-19 ta' Diċembru 1920. Fl-aħħar paġna, imbagħad (paġna 16), insibu poeżija oħra miktuba bil-Malti, bl-isem *Tifkira għażiża tas-26 ta' Diċembru 1920: Lil Ommna Marija ta' Lourdes,* iffirmata bl-inizjali G. M. B.

## KTIEB TA' TALB

*Id-Dehriet ta' Lourdes u ġabra ta' talb* huwa l-isem ta' pubblikazzjoni maħruġa mil-Librerija Franġiskana, Marsa – Malta, b'qoxra ħadranija (11x15 ċm). Il-ktejjeb huwa stampat fl-Empire Press (266, Sda S. Paolo – Valletta) u jġib id-data tal-11 ta' Frar 1930, l-okkażjoni tal-ewwel dehra tal-Madonna f'Lourdes. L-awtur tal-pubblikazzjoni jiffirma "P. N. Capp". Dan juri li l-awtur kien wieħed mill-patrijiet Kapuċċini, iżda ma jurihiex l-identità tiegħu.

Fid-dedika tal-pubblikazzjoni naqraw hekk: "Lilek O Mnissla bla Tebgħa, lilek O Verġni ta' Lourdes Patruna tal-Ordni Tiegħi, Għaxqa ta' qalbi Marija dan iċ-ċkejken ktieb bħal Ibnek b'qalbi kollha noffri." Fil-faċċata l-oħra nsibu stampata xbieha tal-Madonna ta' Lourdes. Il-pubblikazzjoni hija magħmula minn 34 paġna, flimkien ma' żewġ paġni oħra fuq wara li huma ddedikati għall-werrej tal-ktieb. Fuq l-aħħar paġna ta' dan il-ktieb ċkejken insibu 'Nihil obstat' bid-data tad-29 ta' Jannar 1930, mogħtija minn P. Krispin minn Għawdex, Kapuċċin u ċensur teoloġiku, minn P. Franġisk mill-Furjana (Vilhena), Ministru Provinċjali, minn P. D. M.




Callus O.P., ċensur teoloġiku, u mill-Kan. P. Galea, Vigarju Ġenerali.

L-għan ta' dan il-ktejjeb insibuh miktub fil-bidu nett, fejn naqraw: "Huwa impossibbli li f'dan id-daqsxejn ta' ktieb ngħidu kulma sar u kulma ntqal fit-18-il dehra tal-Madonna lil Bernardina f'Lourdes. Aħna biżżejjed li nsemmuhom kollha u ngħidu xi ħaġa fuq fuq dwar kull waħda minnhom." Fil-fatt fl-ewwel 20 paġna tal-ktieb insibu tagħrif qasir fuq kull waħda mit-18-il dehra tal-Madonna f'Lourdes. Wara, f'paġni 21 sa 23, insibu stampata l-Kurunella tal-Madonna ta' Lourdes, miktuba minn Dun P. Xuereb.[4] F'paġni 24 sa 26 insibu l-Litanija tal-Madonna ta' Lourdes, traduzzjoni mill-Franċiż. F'paġna 26 hemm stampata talba lill-Madonna, u fil-paġna ta' wara d-dati tad-dehriet tal-Madonna f'Lourdes. F'paġni 28 u 29 hemm stampat il-*Pange Lingua* bl-Oremus u f'paġni 30 u 31 kitba li ġġib l-isem "Tħejjija għat-Tqarbin", b'talbiet indirizzati lil Ġesù. F'paġni 31 u 32 insibu talba oħra bl-isem "Wara t-Tqarbin" filwaqt li f'paġni 32 sa 34 hemm stampat it-*Te Deum* bil-Latin.

## IL-ĦAJJA TA' SANTA BERNARDINA SOUBIROUS

*B. Bernardina Soubirous –*

**REFERENZI**

4. Fuq din il-kurunella ara Micallef, Martin. "Il-Kurunella tal-Madonna ta' Lourdes: Riflessjonijiet Teoloġiċi", *Mariopolis, il-Belt ta' Marija: Madonna ta' Lourdes, il-Qrendi,* 141 (Ġunju 2019): 14-15.







Meħud minn *L Immakulata* huwa ktieb miktub minn P. Antonio Maria L. J. C., Kapuċċin. Il-ktieb, maħruġ mil-Librerija Franġiskana, Kapuċċini – Marsa (15x22.5 ċm) hu stampat fl-Istamperija Empire (266, Strada San Paolo, Valletta). Minkejja li l-pubblikazzjoni, magħmula minn 104 paġni, ma ġġibx id-data ta' meta ġiet stampata, fil-qoxra, li tinkludi ritratt tas-santwarju tal-Madonna f'Lourdes, naqraw li l-kontenut tiegħu hu meħud mir-rivista tal-Kapuċċini *L-Immakulata.* Fid-dedika tal-ktieb naqraw hekk: "Lilek ja xbejba Omm-Alla li bid-dehriet tal-għaġeb tiegħek f'Lourdes għoġbok issaħħaħ kelmiet il-Papa Piju IX li ddikjaraha Mnissla bla Tebgħa u lill-Qaddis Fqajjar Patrijarka Missieri Franġisku t'Assisi, Serafin fi Mħabbtu u tawmaturgu f'għemilu l-egħżeż ħabriek u l-aqwa appostlu tat-Tnissil Immakulat Tiegħek fis-Solenni Ċirkustanza tas-7 Ċentinarju mill-mewt tal-glorjuża tiegħu din il-fqajra ħajja tal-Beata Bernardina Soubirous, b'ħeġġa ta' mħabba u qima umilment noffri."

Kif turi din id-dedika, il-ktieb jittratta fit-tul il-ħajja ta' Bernardina Soubirous li f'dak iż-żmien kienet għadha beata. Il-ktieb jinkludi numru ta' ritratti marbutin mal-lokalità ta' Lourdes, fejn il-Madonna dehret lil din it-tfajla qaddisa. Il-fatt li Bernardina ġiet iddikjarata qaddisa fit-8 ta' Diċembru tal-1933 jindika li l-pubblikazzjoni li tirreferi għal Bernardina bħala "beata" u mhux "qaddisa" (santa) ġiet ippubblikata qabel l-1933, imma mhux qabel is-sena 1926, is-sena ċentinarja tal-mewt ta' San Franġisk imsemmija fid-dedika tal-ktieb li diġà għamilna referenza għaliha. Tajjeb li nżidu li fir-rivista *L-Immakulata* bejn is-snin 1930 u 1932 dehru serje ta' artikli marbuta mas-suġġett.

## IL-MADONNA TA' LOURDES: STORJA U DEVOZZJONI

Ktieb ieħor maħruġ mill-Kapuċċini li jittratta l-kappella tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana huwa dak ippubblikat fl-1955 bl-isem *Il-Madonna ta' Lourdes meqjuma fil-Kappella-Grotta tal-Patrijiet Kapuċċini, il-Furjana.* Il-ktieb (12.5x18 ċm) b'qoxra fuq sfond blu, turi x-xbieha tal-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes meqjuma f'din il-kappella-grotta fil-Furjana. Il-ktieb ġie stampat fl-Empire Press u għandu b'kollox 77 paġna nnumerata b'żieda ta' żewġ paġni oħra fuq wara nett. Il-ktieb iġib din id-dedika: "Lilek O Mnissla bla Tebgħa Patruna tal-Ordni Franġiskan għaxqa ta' qalbna Marija f'għeluq il-100 sena mid-Domma tas-Safi Tnissilek bħala wliedek il-Kapuċċini minn qalbhom joffru." L-awtur tal-ktieb ma nsirux nafu min hu, għalkemm id-"Daħla" tal-bidu tal-ktieb hija ffirmata minn "Il-Prokuratur" (tal-kappella) bid-data tas-16 ta' Lulju 1954, li f'dak iż-żmien kien P. Beneditt Portelli mill-Marsa.[5]

**REFERENZI**

5. Għal-lista li tal-prokuraturi tal-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana li tasal sas-sena 1955 ara *Il-Madonna ta' Lourdes meqjuma fil-Kappella-Grotta tal-Patrijiet Kapuċċini il-Furjana* (Malta: Empire Press, 1955), 21.

Fl-ewwel paġni nsibu nota: "Copyright 'Librerija Serafika' – Kapuċċini, Floriana". Fuq din in-nota, fl-istess paġna, insibu 'Nihil obstat' ta' P. Berard M. mill-Ħamrun, Kapuċċin; tal-Provinċjal P. Pietru mill-Furjana; u tal-Isqof Mons. Emanuel Galea.
Il-ktieb jibda b'tagħrif storiku dwar il-bini tal-kappella ta' Lourdes fil-Furjana. F'paġna 8 nsibu tpinġija ta' kif kienet in-niċċa l-qadima, li kien hemm qabel ma nbniet il-kappella ta' Lourdes fil-Furjana. Skont dak li naqraw f'paġna 9, "Din in-niċċa antika kienet ġiet mibdula fi speċi ta' grotta għall-ħabta tal-1881, mill-Provinċjal Patri Filippu Antonju mill-Belt, li ħaseb ukoll biex ġieb minn Franza l-istatwa msemmija."[6]

Wara dan, imbagħad, f'p. 11 naqraw: "F'Lulju 1918 beda l-bini l-ġdid. Ix-xogħol beda tiela' ġmielu, tant li l-kappella tlestiet f'qasir żmien." F'paġni 13 u 14 insibu kif u meta nfetħet u tbierket il-kappella l-ġdida. F'paġna 18 inkomplu naqraw tagħrif interessanti dwar dak li seħħ f'għeluq il-25 sena mill-ftuħ tal-imsemmija kappella: "Dawn il-festi saru biex jiċċelebraw żewġ ċirkustanzi differenti: l-ewwel waħda bħala tifkira tal-25 sena li kienet




ilha mibnija l-kappella, u t-tieni bħala radd il-ħajr lill-Madonna talli ħelset lill-kappella mit-tiġrif tal-gwerra, u fl-istess ħin biex tiġi meħuda lura fil-kappella l-istatwa għażiża tal-Madonna wara nuqqas ta' madwar tliet snin." Immedjatament wara, f'paġni 19 u 20, inkomplu naqraw x'ġara fil-gwerra, kif ix-xbieha ta' Marija, ftit wara li bdiet il-gwerra, kienet ġiet merfugħa ġo xelter fil-Furjana, u wara l-gwerra meħuda lura fil-kappella ddedikata lilha. F'paġna 20 ta' dan il-ktieb insibu dak li għaddiet minnu l-kappella matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Dan il-ktieb jinkludi fih bosta ritratti tal-kappella ta' Lourdes fil-Furjana, ġrajja fil-qosor tad-dehriet tal-Madonna f'Lourdes (ara pp. 23-40), u l-programm tad-dehriet tal-Madonna għas-sena 1955 (ara p. 41). Wara nsibu l-messaġġ fuq il-kliem tal-Madonna f'kull dehra tagħha f'Lourdes (ara pp. 43-69). F'paġni 70 sa 73 hemm stampata l-Kurunella lill-Madonna ta' Lourdes, segwita mil-Litanija tal-Madonna ta' Lourdes (ara pp. 72-73). F'paġni 74 sa 77 insibu talb u invokazzjonijiet lill-Madonna. Il-ktieb jagħlaq bid-dati tad-dehriet tal-Madonna u l-werrej tal-ktieb.

## ID-DJARJU TA' SANTA BERNADETTE

Librett żgħir bl-isem *Djarju ta' Santa Bernadette Soubirous* hu magħmul minn 8 paġni (11x17.5 ċm) u stampat fl-istamperija li kellhom il-Kapuċċini fil-Furjana, is-Seraphic Press. Id-data tal-pubblikazzjoni hija nieqsa. Il-qoxra ta' quddiem tinkludi ritratt tal-Grotta tal-Madonna ta' Lourdes, li tagħmel parti mill-kappella ddedikata lilha fil-Furjana. Fil-kumplament tal-ktieb l-awtur, li ma jidentifikax ruħu, jagħtina ġabra fil-qosor mill-kitba awtobijografika ta' din il-qaddisa, li lilha dehret il-Madonna f'Lourdes.

## KONKLUŻJONI

Minbarra dawn il-pubblikazzjonijiet antiki l-Kapuċċini fil-Furjana ta' kull sena kienu u għadhom

**REFERENZI**

6. L-imsemmi P. Filippu kien xtara statwa oħra tal-Madonna ta' Lourdes għall-knisja tal-Kapuċċini f'Għawdex. Ara Xerri, Accursio, "Id-devozzjoni tal-Għawdxin lejn Sidtna Marija ta' Lourdes", *Għawdex* (15.5.1958): 4. Ara wkoll, "Devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-gżira tagħna", *Id-Devot ta' Marija* 4 (1890): 132-135, 147-148. Għal tagħrif dwar P. Filippu mill-Belt Valletta li xtara dawn iż-żewġ statwi tal-Madonna ta' Lourdes ara Micallef, Martin. *Crux Invicta: Il-Kurċifiss Mirakuluż u l-Kapuċċini f'Għawdex*.Malta: Midsea, 2020: 342-344.



## Kurunella

Sliem għalik o Verġni Mqaddsa
Int li dhert lil Bernardina
Ġewwa l-grotta minn ta' Lourdes
Biex imħabbtek hemm turina.
*Ave Marija*

Lilha dhert tmintax-il darba
Bħala xemx tiddi bid-dija.
B'libsa bajda faxxa kaħla,
Kollok ħlewwa u sbuħija.
*Ave Marija*

Fuq ix-xitla minn tal-ward
Int serraħt riġlejk ħafjin,
U f'kull riġel kellek warda
Minn tad-deheb l-iżjed fin.
*Ave Marija*

Ġewwa jdejk kellek kuruna
b'żibeġ abjad bħall-ħalib
Biex turina f'Inti dejjem
Fir-Rużarju l-għaxqa ssib.
*Ave Marija*

Inti tlabt lil Bernardina
Bi kliem ħelu kollu ħrara,
Illi tiġi f'dik il-grotta
Lilek trodd ħmistax-il żjara.
*Ave Marija*

Lilha għidt "Għal daż-żjarat
Minni l-Ħlas għandek tistenna
Mhux il-ġid ta' dina l-art,
Iżda l-glorja minn tal-Ġenna."
*Ave Marija*

Bid-dmugħ nieżel minn għajnejk
Għall-ħtijiet minn tal-bnedmin
Int tennejt lil Bernardina:
"Itlob wisq għall-midinbin."
*Ave Marija*

Penitenza! Penitenza!
Penitenza! tliet darbiet
Ergajt għidt: sabiex il-maħfra,
Aħna jkollna mis-smewwiet.
*Ave Marija*

Bgħattha tgħid lill-qassisin:
Jibnu l-knisja f'dak l-irdum.
Fejn il-qima tal-insara,
Jista' jkollok hemm kuljum.
*Ave Marija*

Ridt ukoll barra mill-knisja
Illi ssirlek purċissjoni
Għal ġol-grotta li qaddist
B'din il-kbira Apparizzjoni.
*Ave Marija*

Biex biċ-ċar b'għamara tiegħek
Hemm turina f'Inti ħart.
Għajn tal-ilma l-iżjed safi,
Nissilt, b'għaġeb minn ġol-art.
*Ave Marija*

Int ġiegħlt lil Bernardina
Li tinħasel f'dik il-għajn,
Tixrob minnha; il-ħaxix tiekol
Li kien trabba qalb it-tajn.
*Ave Marija*

B'dak l-ilma minn tas-saħħa
L-eħżen nies saru tajbin.
Qalgħu l-qawwa l-morda kollha,
Sabu l-faraġ l-imnikktin.
*Ave Marija*

Xħin b'dawn il-grazzji kollha
Rajt id-dinja kkonsolata:
"Jiena jien il-Kunċizzjoni"
Mort għidtilna – "Immakulata".
*Ave Marija*

Tkun imbierka mela dejjem,
O Konċetta mingħajr ħtija,
Taħt it-titlu minn ta' LOURDES
Lilek nagħtu kull foħrija.
*Ave Marija*

*Dun P. Xuereb D.D.*

## Talba

O Verġni, Immakulata Omm tal-ħniena, saħħa tal-morda, refuġju tal-midinbin, konsolatriċi tal-imnikktin, Inti tagħraf il-bżonnijiet tiegħi, it-tbatijiet tiegħi, ixħet fuqi l-ħarsa ħanina tiegħek. Bid-dehra tiegħek fil-Grotta ta' Lourdes, Inti ridt li hija ssir lok magħżul mnejn ixxerred il-grazzji tiegħek, u diġà bosta msejknin sabu r-rimedju tal-mard tagħhom fir-ruħ u tal-ġisem. Niġi jiena wkoll mimli bit-tama sabiex nitolbok il-grazzji tiegħek ta' Omm: isma' Omm ħanina, it-talb umli tiegħi, sabiex mimli bil-benefiċċji tiegħek, nagħmel kemm nista' biex nimita l-virtù tiegħek, biex ġurnata jkolli sehem fil-glorja tiegħek tas-sema. Hekk ikun.
Omm tagħna ta' Lourdes, itlob għalina.
Santa Bernardette itlob għalina.

**Tifkira tad-Dehriet**
Frar: 11, 14, 18, 19, 20, 21, 22, 24, 25, 27, 28
Marzu: 1, 2, 3, 4, 25
April: 7 Lulju: 16




jippubblikaw il-programm tad-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes, li fih insibu l-ismijiet tas-saċerdoti li jkunu se jiċċelebraw il-quddiesa tad-dehra fil-jum partikolari fil-kappella-grotta ddedikata lill-Madonna ta' Lourdes. Fl-istess programmi ġieli nsibu messaġġi marbutin ma' din id-devozzjoni Marjana. Flimkien mal-programm 'tad-dehriet', kif inhuma magħrufin, il-patrijiet Kapuċċini stampaw ukoll numru ta' santi bil-kliem tal-Kurunella tal-Madonna ta' Lourdes. Dawn is-santi ta' devozzjoni stampati bil-Malti, bit-Taljan u anke bl-Ingliż għenu sabiex tkompli tinxtered id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes, meqjuma f'din il-kappella-grotta li f'din is-sena 2020 qegħdin infakkru l-ewwel ċentinarju mill-ftuħ u t-tberik tagħha fil-lokalità tal-Furjana. ■

# VUĊI MISSJUNARJA

### jixxandar fuq Radju Marija

- Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet!
- Kun af bil-proġett ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn, nies imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.
- Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fls-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.



JOE FLASK



# MONS. JOSEPH LEO WHITE
## "... A LIFELONG SERVICE FOR THE BENEFIT OF OTHERS"
(L-EWWEL PARTI)

### DAĦLA
"... a lifelong service for the benefit of others" – Nemmen li din l-asserzjoni tesprimi l-mission statement li jixhed il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni tal-Aħwa Minuri Franġiskani Kapuċċini Maltin, li fuq medda ta' iktar minn 300 sena nfirxet f'għadd ta' pajjiżi: fil-Mediterran, fit-Tramuntana tal-Afrika, fil-Kongo, fl-Etjopja, fil-Kolombja, fl-Awstralja u għal ħafna snin fl-Indja, fejn wieħed mill-missjunarji, Mons. Franġisku Saverju Fenech (1892-1969), wara 10 snin bħala prefett appostoliku ta' Jhansi, fl-1954 kien ordnat l-ewwel isqof ta' din id-djoċesi.

Din il-ħidma missjunarja bla waqfien qed tissokta fil-Kenja, fejn ixxettlet fl-1974 minn Mons. Leo White, li kien mexxa l-ewwel grupp ta' missjunarji Kapuċċini Maltin u fl-1976 kien sar l-ewwel prefett appostoliku ta' Garissa. Fl-1984 il-prefettura saret djoċesi u l-ewwel isqof, Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, kompla jsaħħaħha, jiżviluppaha u jagħtiha sura. Permezz tal-Isqof ta' Garissa tal-lum, Mons. Joe



Alessandro OFMCap, u grazzi wkoll għaż-żewġ isqfijiet (mejtin) ta' Malindi, Mons. Frans Baldacchino OFMCap u Mons. Emmanuel Barbara OFMCap, u xejn anqas bil-kariżma tal-missjunarji Kapuċċini Maltin kollha, qed tkompli tagħti l-frott.

Fid-dawl ta' dan se naġġorna t-tagħrif fuq ħajjet Mons. Leo White u nżewwaq b'kummenti varji s-sinifikat tal-ħidma missjunarja tal-Aħwa ż-Żgħar Kapuċċini Maltin, ulied denji ta' San Franġisk, li kien hu l-ewwel li fetaħ it-triq għall-ħidma missjunarja, fuq il-passi tal-appostli.

### TFULIJA U ŻGĦOŻIJA
Mons. Leo kien persuna riservata ħafna, anki ma' qrabatu, u għalhekk it-tagħrif dwaru huwa limitat. Imexxieli, kieku, nikseb diversi rapporti u tagħrif ieħor minn bloggs, rivisti u fuljetti fiż-żmien li huwa kien Brooklyn u Southwark, imma xorta bqajt limitat, wara parir biex inkun kawt. Għażilt, għalhekk, li nsejjes il-kitba tiegħi l-aktar fuq tagħrif li ġentilment għaddieli ħuh, is-Sur Edgar White, u dak li ksibt mingħand xi aħwa Kapuċċini li kienu jafuh.

Joseph White minn Bormla u Elisabeth née Archer mill-Birgu kellhom sebat itfal, fosthom Joseph, imwieled fl-20 ta' Marzu 1929 f'Bormla, fejn tgħammed fil-knisja kolleġġjata u ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu. Għal xi żmien il-familja White marret tgħix Għawdex, fejn iċ-ċkejken Joseph kompla jattendi l-iskola primarja. Wara l-gwerra, għall-ħabta ta' bejn l-1944 u l-1945, il-familja White niżlet lura Malta u Joseph, li kellu madwar 14-il sena, intbagħat fil-Kulleġġ Stella Maris, il-Gżira, immexxi



mid-De La Salle Brothers, tal-Frères, fejn kompla u temm l-istudji sekondarji tiegħu.

## MIXJA VOKAZZJONALI

Fil-Kulleġġ Stella Maris jidher li baqa' impressjonat ukoll bl-imġiba dedikata u spiritwali ta' wħud mill-Frères, tant li wera x-xewqa li jsir brother mal-Frères. Is-superjuri tal-kulleġġ, wara perjodu ta' prova, laqgħu t-talba tiegħu u bagħtuh St Joseph College fi Beulah Hill fl-Ingilterra biex iħejji għan-novizzjat. Wara sena novizz, meta wasal biex jieħu l-ewwel voti kellu rispons fin-negattiv u prudentement kien suġġerit lilu biex ifittex istituzzjoni reliġjuża oħra. Baqa' diżappuntat, imma din l-esperjenza ħalliet impatt fuq il-karattru tiegħu u nisslet fih sens ta' awtodeterminazzjoni. Fil-milja ta' żgħożitu talab u ssieħeb mal-Ordni Monastiku taċ-Ċertużini, u għex ħajja ta' talb u ta' ġabra fis-silenzju tal-klawsura, ħajja totalment kontemplattiva. Mhux magħruf fejn għamel kors fil-filosofija *"... sakemm iċ-Ċertużini ma kinux jibagħtu l-istudenti tagħhom fil-kulleġġ tal-patrijiet Dumnikani f'Oxford."* Li hu żgur hu li wara li temm b'suċċess il-kors fil-filosofija, għalkemm l-esperjenza ta' erba' snin maċ-Ċertużini sawret fil-fond il-ħajja spiritwali u interjuri tiegħu, intebaħ li anki dik ma kinitx il-ħajja tiegħu, u telaq.

Ma naqasx li jkompli jixtarr u jgħarbel sewwa x'kien qed iħoss f'qalbu. Il-mixja vokazzjonali, tormentata u sofferta waslet fi tmiemha meta reġa' lura Malta, u wara mumenti ta' dixxerniment, ta' 23 sena ssieħeb mal-Aħwa Minuri Franġiskani Kapuċċini fil-Furjana. Fl-20 ta' Jannar 1952 libes iċ-ċoqqa Franġiskana, u kif kienet id-drawwa, minflok Joseph ngħata l-isem ta' Fra Leone (magħruf aktar bħala Leo), u beda s-sena ta' novizzjat fil-kunvent tal-Madonna tal-Grazzja f'Għawdex. Fl-1 ta' Frar 1953 għamel il-professjoni





sempliċi u ħa l-voti, u tliet snin wara eżatt, fil-5 ta' Frar 1956, għamel il-professjoni solenni. Billi kien diġà lesta l-kors tal-filosofija għamel biss il-kors tat-teoloġija fil-Kulleġġ San Lawrenz minn Brindisi fil-kunvent ta' Santa Liberata, il-Kalkara. Ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Lulju 1956 u minnufih beda jgħallem u jaqdi bil-ħidma pastorali. Bejn is-snin 1963 u 1967 Patri Leo ntbagħat missjunarju fil-Kolombja. Lura Malta għal ħames snin serva bħala kappillan tar-Royal Navy. Fl-1969 kien elett definitur provinċjali u kien ikkonfermat fl-1971.

## VOKAZZJONI MISSJUNARJA

Staqsejt lili nnifsi għaliex Patri Leo mal-ewwel opportunità aċċetta li jmur missjunarju. X'impressjonah l-iktar, l-impenn missjunarju li dejjem kellhom il-Kapuċċini Maltin, jew l-element ta' sfida bbażata fuq is-sens ta' dixxiplina, id-determinazzjoni u l-imħabba kbira lejn l-oħrajn li huwa tgħallem iħaddan

f'qalbu? Ċertament li waqt in-novizzjat u t-tħejjija għas-saċerdozju kellu kull ħin biex jifli u jaqra fuq it-tagħlim spiritwali ta' San Franġisk. Taħt it-tmexxija u l-eżempju tas-superjuri diretti tiegħu tlaħħam bid-DNA tal-vokazzjoni Kapuċċina, imsejsa fuq il-kelma u l-passi ta' Kristu: missjunarju dejjem u kullimkien *"at the service for the benefit of others"*.



Il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni mill-patrijiet Kapuċċini hija vokazzjoni msawra fuq prinċipji li titlob minnhom esperjenza ta' ħajja profonda u ta' unjoni interjuri ma' Kristu, biex progressivament isiru ħaġa waħda miegħu, għalih u fih. B'ħajjithom u b'għemilhom iridu jagħtu xhieda ta' faqar, bħalma Kristu minn għani sar fqir għall-imħabba tiegħu lejna, u jagħmilna għonja permezz tal-faqar tiegħu. Huwa dmir il-patrijiet Kapuċċini li bħala **"ordni tal-poplu"**, kif minn dejjem kienu, jibqgħu jgħixu man-nies ta' klassi umli, iħaddnu l-istess ħajja ta' faqar, jeskludu kull kompromess dwar awsterità u sempliċità, anki fid-dehra tagħhom. Il-Knisja tgħallem li l-evanġelizzazzjoni mhijiex ħidma personali imma ssir dejjem u biss f'isem il-Knisja, li mingħand Kristu ngħatat il-mandat li xxandar il-Vanġelu lill-ġnus kollha. F'din il-ħidma impenjattiva u delikata anki l-missjunarji Kapuċċini jġibu ruħhom skont l-esiġenza konnaturali f'kull ħidma appostolika ta' fejn ikunu, f'komunjoni tal-ħsieb, tal-qalb u tat-tagħlim biex jagħtu eżempju tajjeb lil dawk fdati lilhom u jiġbdu lejhom oħrajn!





## IL-MISSJONI FIL-KENJA

Xtaqt kieku nżid fuq dak li aċċennajt għalih fid-daħla, dwar il-missjoni tal-Kenja, li kienet imnebbħa minn Alla u li kisbet suċċess għax l-Aħwa Minuri Franġiskani Kapuċċini Maltin riduha b'qalbhom kollha. Imma





minħabba l-ispazju se nikteb fuq fuq dwar is-sehem ta' Patri Leo fil-Kenja, u tal-aħwa missjunarji l-oħra, fil-bidu tagħha.

Lejn tmiem is-snin 60 il-provinċja Kapuċċina Maltija saritilha offerta biex tiftaħ missjoni fis-Sudan jew fil-Kenja. Kollox ittieħed inkonsiderazzjoni, inklużi l-problemi politiċi, soċjali u loġistiċi, u l-offerta ntlaqgħet u ttieħed vot pożittiv fil-kapitlu. Iżda minħabba tħassib u biżgħat serji l-kapitlu provinċjali xtaq iktar tagħrif u assikurazzjonijiet dwar il-ħidma u s-sigurtà tal-missjunarji, kif ukoll il-vijabilità tal-eventwali missjoni.

F'Awwissu tal-1973 Patri Leone White u Patri Frank Delia ntbagħtu għal żjara ta' sitt ġimgħat fiż-żewġ pajjiżi, biex jistħarrġu u jixtarru sewwa ċ-ċirkustanzi u jħejju rapport. Kien rapport dettaljat imma fuq kollox kruċjali, li wassal biex il-provinċja Maltija, immexxija mill-Ministru Provinċjali Patri Ewsebju Darmanin, għażlet il-Kenja u preċiżament Garissa. Il-patrijiet Kapuċċini aċċettaw, u tul is-snin żviluppaw u kabbru *"territorju li kien rifjutat minn oħrajn għax ma għarfux li kien wasal iż-żmien propizju biex jinbidel f'art ta' missjoni ġdida."*

Fil-5 ta' Jannar 1974 Patri Leo White mexxa l-ewwel grupp ta' sitt missjunarji Kapuċċini Maltin fil-Kenja, il-pijunieri li ħejjew it-triq għal numru kbir ta' missjunarji Kapuċċini Maltin u llum numru ġmielu ta' missjunarji indiġeni. Waslu fil-Kenja fl-10 ta' Jannar u ma damux biex marru Garissa, fejn stabbilixxa ruħu Patri Leo, filwaqt li l-patrijiet l-oħra bdew jieħdu pussess tad-diversi żoni fdati lilhom, skont ftehim li kien sar minn qabel.

Il-ħajja tal-bidu ma kinitx waħda faċli, u Patri Leo, delegat tal-Provinċjal mis-sena 1974 sas-sena 1978, kif ukoll il-missjunarji sħabu, mill-ewwel iffaċċjaw problemi ta' kull xorta. Dawn żdiedu maż-żmien: vjaġġi twal mimlijin perikli, mard (tnejn mill-missjunarji kellhom jirritornaw Malta għall-kura) u epidemji minħabba l-klima kiefra, b'nixfa fit-tul talterna ma' ħafna xita, bix-xmajjar ifuru u jgħerrqu kulm'hemm. Apparti l-għeja, bħala bnedmin il-missjunarji spiss kienu jiffaċċjaw problemi personali, bl-akbar fosthom id-diffikultà li jgħixu l-fraternità Franġiskana u n-nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom. Minħabba l-bogħod kienu jgħaddu xhur waħedhom mingħajr ma jiltaqgħu. Mhux l-ewwel darba li lmentaw ma' Patri Leo, u anki direttament mal-provinċja f'Malta, biex tinstab soluzzjoni. Minkejja dan, il-missjunarji mhux talli ma qatgħux qalbhom, talli xorta baqgħu jaħdmu bla heda biex iwasslu l-Kelma ta' Alla fiż-żoni l-ġodda li kienu diġà qed iqabbdu għeruqhom, u jsaħħuha fl-inħawi fejn diġà kienet ixxettlet, fost l-oħrajn mill-missjunarji tal-konsolata qabel il-wasla tal-patrijiet Kapuċċini Maltin. ■

FR JOE BUTTIGIEG OFMCap



# TWELID (L-EWWEL PARTI)

Għolja sabiħa u fertili, minsuġa bi dwieli u siġar, imdawra bi rqajja' jħaddru, imdella bid-dawl fietel ta' tard waranofsinhar, kienet bħal xena għall-koppja Forgione, li wara jum ta' ħidma fl-għelieqi kienu resqin lejha u lejn darhom, bla ma lissnu kelma, ħalli jqiegħdu l-għodod f'posthom għall-jum tal-għada.

F'daqqa waħda Ġużeppa għafset għajnejha bl-uġigħ u resqet iżżomm mal-ħajt biex ma togħtorx. Hija għarfet x'kien dak l-uġigħ: uġigħ li jħabbar il-ħlas tat-tqala. Kellha tibqa' d-dar dakinhar imma riedet tgħin lil Grazio tagħha fi Piana Romana.

Mara ta' karattru qawwi – fittxet li ma tallarmax lil żewġha. Neħħiet il-fardal u bi tbatija minn taħt l-ilsien qaltlu: "Grazio, sejra... ma nħossnix sew!"

Grazio fehem u b'ton ta' għaġla weġibha: "Mur. Issa nieħu ħsieb inqiegħed kollox f'postu jien u nigi." Ġuzeppa de Nunzio qabdet it-trejqa li twassal għal Pietrelcina, kultant tieqaf ftit, imbeżżgħa li t-tarbija titwieled fit-triq.

Waqfet tieħu nifs fuq il-pont tal injam li kien jgħaddi minn fuq ix-Xmara Pantanello, imbagħad bi tbatija mxiet lejn it-triq dejqa li twassal għall-kastell, sakemm fl-aħħar waslet f'Vico Storto Valle, numru 27, id-dar tagħha. Meta f'xi s-6 ta' filgħaxija




Id-dar fejn twieled


Il-knisja fejn ġie mgħammed

wasal Grazio, Mamma Peppa kienet ħelset u kellha tifel xi siegħa qabel.

Kien il-25 ta' Mejju 1887.

Id-dar żgħira b'kamra waħda, qisha dar ta' xi presepju, mibnija b'ġebel iebes miksi b'ġibs irqiq, imqabbda mal-blat, imtliet bil-biki tat-tarbija mwielda.

Francesco Forgione, dak li 'l quddiem kellu jkun Padre Pio, semma' leħnu għall-ewwel darba.

L-għada Zi Grazio, kif kienu jsejħulu fir-raħal, quddiem Antonio Orlando, li kien jaħdem il-kunsill lokali, u Luciano Pennisi, l-iskarpan, ressaq lit-tarbija quddiem Gaetano Quindi, l-insinwa, biex jirreġistra isem it-tarbija tiegħu.

Imbagħad, fuq xewqa ta' martu, mar malajr fil-knisja ċkejkna ta' Santa Marija tal-Anġli biex jgħammed lit-tarbija tagħhom minn idejn Don Nicolantonio Orlando. Il-qabla Grazia Formichelli għamlitha ta' parrina tat-tifel. Grazio, sid ta' ħabel raba' fi Piana Romana, malajr medd għonqu għax-xogħol. Mgħawweġ 'l isfel kuljum, jiżra' l-qamħirrun, ma kienx jara s-siegħa li jgħaddi l-ħin biex jinġabar jistrieħ f'daru ma' familtu.

Imma ma kienx għadu għamel il-kontijiet ma' dan l-aħħar wild, li kien jorqod matul il-jum u jibqa' mqajjem il-lejl kollu, jibki u jixher.

Lejl wieħed Zi Grazio, għajjien kif kien, ma felaħx iktar jisma', qam jiġri b'rabja kbira fuqu, tilef sabru u qabad lit-tifel u sabbtu fis-sodda filwaqt li għajjat u qal: "Xi twieled f'din id-dar, xitan jew Nisrani?!" Qabżet Mamma Peppa u bid-djalett qaltlu: *"Che me vulisse accidere lu creature?"* jiġifieri "Xiex? Trid toqtolli lil din il-ħlejqa?"

Iktar 'il quddiem, kull meta Padre Pio kien jirrakkonta dan il-fatt, kien jgħid: "Minn dak il-lejl qatt ma bkejt iktar..."

Wara xi ftit tax-xhur il-koppja Forgione, bħall-ġenituri kollha pucinari, kif kienu jissejħu n-nies ta' Pietrelcina, ħadu lit-tarbija tagħhom għand Francesco da Giuseppe Faiella, li bħal kien jara l-futur. B'leħen ta' nifs ħabbar u qal: "Dan it-tifel għad ikun meqjum fid-dinja kollha. Minn idejh jgħaddu flejjes u flejjes imma xejn ma jkun tiegħu. Ibati ħafna u jum wieħed kulħadd ikun irid imissu mingħajr ma jkun jista'."

Zi Grazio u Mamma Peppa ħasbu li forsi bihom għad imur l-Amerika, mingħajr ma jagħmel fortuna, u jħarsu fil-baħħ reġgħu lura lejn darhom b'qalbhom imtaqqla bin-niket.

Kellhom jgħaddu ħafna snin biex wieħed seta' jifhem dak li Faiella kien qal. ■

P. DOM. BONELLO OFMConv



# AGĦMEL LI NIMITAWK
# GĦANJA LIT-TLIET DEVOZZJONIJIET JEW IMĦABBIET LI KELLU MISSIERNA SAN FRANĠISK GĦAL ĠESÙ

Tħeġġet qalbi biex infakkar
l-imħabbiet li kellek fik,
San Franġisk, għażiż Missierna;
dawn unur kienu għalik!

Dik l-imħabba l'inti kellek
għal Ġesù ċkejken tarbija,
illi twieled minn omm verġni
kemm għalik u kemm għalija.

Dal-misteru t'Alla-Bniedem,
int, Missierna, wisq ħabbejt;
sa l-presepju għoġbok tagħmel,
b'hekk imħabbtek dlonk urejt.

Imħabb'oħra tkebbset f'qalbek:
il-passjoni tal-Mulej;
l-uġigħ tiegħu xtaqt iġġarrab
bla ma tagħti kas ta' xej'.

Kien għalhekk li Ġesù żejnek
b'dawk il-pjagi ġewwa jdejk,
beraħ kien il-kustat tiegħek,
minfudin ukoll riġlejk.

Tħeġġet f'qalbek imħabb'oħra
għal Ġesù Sagramentat,
u għal dawk li permezz tagħhom
fuq l-artal hu ppreżentat.

Meta mqar kont tilmaħ knisja,
il-qalb tiegħek bil-ferħ tfur;
talba tlissen b'tifħir 'l Alla,
b'hekk imħabbtek turi tmur.

Agħmel int, Franġisk Missierna,
nimitawk f'dawn l-imħabbiet,
biex hekk wara din il-ħajja
niġu ħdejk ġewwa s-smewwiet!

Ir-Rabat, Għawdex: 3 ta' Marzu 2004 ■



JOSEPH C. CAMILLERI
BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)



# SAN ĠUŻEPP – 150 SENA PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI - DUN KARM, IL-POETA NAZZJONALI, U SAN ĠUŻEPP (IT-TMIEN PARTI)

## SAN ĠUŻEPP FL-INKWATRI

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp fost il-Maltin hi mifruxa sewwa mal-gżejjer Maltin. Din id-devozzjoni hija riflessa fi kwadri li jinsabu fuq artali u kwadri jew affreski li jżejnu l-ħitan tal-knejjes. F'dawn ix-xogħlijiet artistiċi naraw diversi suġġetti differenti mill-ħajja ta' San Ġużepp jew proklami dwar dan il-qaddis.

## L-AGUNIJA TA' SAN ĠUŻEPP

L-aktar suġġett popolari Ġużeppin fl-arti hu l-agunija ta' dan il-qaddis. Dan is-suġġett ilu jidher fil-knejjes għal għexieren ta' snin. Insibu kwadru li juri l-agunija fil-knisja ta' San Publiju, il-Furjana, xogħol Giuseppe They (1780-1840). Dan il-kwadru jixbah ħafna x-xogħol ta' Antoine de Favray (1706-1798) li jinsab fil-kappella ta' San Kalċidon, li hi parti mill-bini li llum huwa l-Kurja. Dan ix-xogħol sar qabel Marzu 1751.[1] Dan l-istess suġġett insibuh fil-kappella ta' San Ġużepp fir-Rotunda tal-Mosta. Dan ix-xogħol hu ta' Salvatore Barbara (1835-1895). L-inkwatru sar fl-1881.[2]

Il-knisja parrokkjali tal-Gudja għandha l-isbaħ kwadru tal-agunija ta' San Ġużepp. Dan hu xogħol ta' Domenico Bruschi (1840-1910), artist minn Perugia. L-inkwatru għandu d-data tal-1884.[3] Xogħol ieħor bl-istess suġġett insibuh fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Konventwali f'Għawdex.[4]

Fl-aħħar nett insibu pittura li turi l-agunija fil-knisja ta' Santa Katerina fiż-Żejtun. Dan hu xogħol ta' Ramiro Raffaele (1881-1945). Hawn naraw lil San Ġużepp fis-sodda tal-mewt. Qribu hemm il-Madonna u Ġesù. Fuq in-naħa l-oħra tas-sodda hemm anġlu u anġlu ieħor jinsab fuq wara tas-sodda. Fuq is-sodda hemm is-sħab u żewġ puttini.

## SAN ĠUŻEPP PATRUN TAL-KNISJA

Suġġett ieħor popolari Ġużeppin li naraw fuq l-inkwatri hu l-patroċinju ta' San Ġużepp. Fil-bażilika



tal-Isla nsibu pittura b'dan is-suġġett, xogħol Giuseppe Bonnici (1835-1900). Dan ix-xogħol li jżejjen l-artal ta' San Ġużepp juri lil San Ġużepp, il-Madonna u l-Bambin flimkien ma' mara li hija s-simbolu tal-fidi, li qed tippreżenta mudell ta' knisja lil San Ġużepp.[5] Tal-istess pittur insibu pittura b'dan is-suġġett fil-knisja ta' Santa Barbara, il-Belt

**REFERENZI**

1. Casha, A. *The Presence of St Joseph in Malta and Gozo during the 19th century*. Centre de recherche et de documentation, Oratoire Saint Joseph, Montreal, 1995: 249.
2. Casha, A. *The Presence*... op cit: 249.
3. Casha, A. *The Presence*... op cit: 250.
4. Casha, A. *The Presence*... op cit: 251.
5. Casha, A. *The Presence*... op cit: 249.

Valletta. Hawn naraw lil San Ġużepp iżomm xbieha ta' bambin, fil-parti t'isfel hemm globu b'kuruna pontifikali u ċ-ċwievet ta' San Pietru. Din il-pittura hija ffirmata u datata mill-pittur stess.[6]

Barra dawn il-kwadri nsibu wkoll xogħol li jinsab fil-kappella tal-knisja Ta' Ġieżu, ir-Rabat, Malta b'dan is-suġġett. Dan il-kwadru tħallas mill-fratelli tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Waħda mill-irċevuti għandha s-sena 1874. Din il-pittura, li waslet Malta bil-ħila ta' Monsinjur Paolo Pullicino (1815-1890), hi xogħol Pietro Gagliardi (1809-1890). Saret Ruma. Din il-pittura, li saret erba' snin wara l-proklama tal-papa, saret biex tfakkar din il-ġrajja fid-devozzjoni Ġużeppina. Ir-rapport fuq dan il-kwadru, li deher fil-ktejjeb tal-festa ta' San Ġużepp tar-Rabat, Malta, jgħid: 'Jingħad li dan il-kwadru sar fuq talba tal-isqof ta' dak iż-żmien, u ntgħażel dan is-suġġett għax kien erba' snin biss wara li l-Papa Piju IX fl-1870 iddikjara lil San Ġużepp patrun tal-Knisja universali."[7] F'dan ix-xogħol naraw lil San Ġużepp bilwieqfa jħares lejn il-Bambin. Fuq ġenb hemm il-Madonna bilqiegħda bil-Bambin. Fuq in-naħa l-oħra hemm mara li qed iżżomm mudell tal-Bażilika ta' San Pietru. Fl-id l-oħra għandha ċ-ċwievet ta' San Pietru, is-simbolu tal-Belt tal-Vatikan. Taħt nett insibu ħafna simboli ta' twemmin differenti.[8]

Fil-knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi hemm artal iddedikat lil San Ġużepp. Hawn naraw lil dan il-qaddis bilqiegħda fuq is-sħab bil-Bambin fuq ħoġru. Hemm xbihat tal-anġli u fil-parti t'isfel hemm xena li tirrappreżenta l-globu u fil-qalba tagħha hemm il-Bażilika ta' San Pietru. Fuq ix-xellug hemm mara għarkupptejha żżomm il-kuruna tar-ružarju, biswitha hemm tfajjel li jirrappreżenta lin-nies li jemmnu f'Alla. Dan ix-xogħol hu allegorija ta' *Catholisam Ecclesiam patronum.*[9]

Fl-aħħar nett hemm kwadru ta' San Ġużepp b'dan is-suġġett fil-knisja ta' Stella Maris f'Tas-Sliema. Dan sar minn Lazzaro Pisani (1854-1932) fl-1896. Skont il-kritiku l-Kavallier Vincenzo Bonello dan ix-xogħol hu wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' dan l-artist. Hawn naraw lil San Ġużepp juri b'sebgħu l-Belt tal-Vatikan.[10] Min-naħa l-oħra nsibu l-istess suġġett Ġużeppin fil-knisja parrokkjali ta' San Bert f'Ħal Għargħur. Hawn naraw lil San Ġużepp flimkien mal-membri tal-Familja Mqaddsa – il-Madonna u l-Bambin – fuq is-sħab bil-figura tal-Ispirtu s-Santu. Fil-parti t'isfel hemm figura ta' mara li qed iżżomm mudell tal-knisja u salib kbir. Naraw ukoll figura ta' ereżija



wiċċha mal-art u ktieb miftuħ bil-lifgħa, is-simbolu tal-ħażen. Fuq ix-xitan hemm anġlu żgħir. Madwar l-Ispirtu s-Santu hemm xi puttini u dawl qawwi. Dan hu xogħol tal-1890.[11]

Fil-Kalkara nsibu t-titular tal-knisja parrokkjali b'dan is-suġġett. Naraw lil San Ġużepp flimkien mat-tfajjel Ġesù fil-parti ta' fuq. Min-naħa l-oħra naraw żewġ figuri – San Pietru, l-ewwel mexxej tal-Knisja, bl-imfietaħ, u mara, is-simbolu tal-Knisja, bil-kalċi u salib. Madwar San Pietru naraw mewġ kbir, is-simbolu tal-periklu li qed idawwar il-Knisja. Dan sar fl-1898.[12]

Bl-istess suġġett insibu kwadru fil-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk u t-titular tal-Qala.[13]

**REFERENZI**


6. Casha, A. *The Presence*... op cit: 249.
7. Anonimu. (kitba bla titlu), *Ktejjeb il-festa ta' San Ġużepp*, ir-Rabat, Malta, 1978: 44.
8. Casha, A. *The Presence*... op cit: 249.
9. Casha, A. *The Presence*... op cit: 251-252.
10. Casha, A. *The Presence*... op cit: 250.
11. Casha, A. *The Presence*... op cit: 252.
12. Casha, A. *The Presence*... op cit: 252.
13. Fuq il-kwadru titulari tal-Qala tkellimna diġà.

## KWADRI B'SUĠĠETTI OĦRA

San Ġużepp jidher ukoll fi kwadri b'suġġetti oħra. Naraw lil San Ġużepp bħala membru tal-Familja Mqaddsa. Fil-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi naraw lil San Ġużepp flimkien ma' Marija u l-Bambin. Dan hu xogħol Lazzaro Pisani (1854-1933). Dan il-kwadru hu datat u ffirmat u sar fl-1894.[14] Kwadru ieħor ta' din it-tip ta' devozzjoni Ġużeppina nsibuh fil-kappella tal-kunvent tas-sorijiet ta' Sant'Ursola fil-Belt Valletta. Dan hu xogħol Giuseppe Calì.[15]

Kwadru ieħor Ġużeppin b'dan is-suġġett narawh fil-knisja li kellhom is-sorijiet tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Ħal Balzan. Dan sar fl-1870.[16] Naraw il-Familja Mqaddsa b'San Ġużepp bl-għodda f'idu. Fil-qalba tal-kwadru hemm it-tfajjel Ġesù. Il-Madonna qed turi lit-tfajjel l-anġlu, li hu s-simbolu tas-sema. Wieħed mill-anġli qed jagħti l-ġilju li San Ġużepp. Din ix-xena qed issir fil-ħanut ta' San Ġużepp, tant li parti mill-bank jidher fil-kwadru. Dan l-inkwatru aktar juri l-Familja Mqaddsa milli lil San Ġużepp. Kwadru li juri lill-Familja Mqaddsa hu dak li jinsab fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Hawn San Ġużepp jinsab fil-qalba tal-kwadru flimkien mal-Bambin, waqt li l-Madonna ħadet il-post 'ta' wara'. Dan ix-xogħol hu jew ta' Gian Nicola Buhagiar jew ta' Francesco Zahra.[17] Il-Kavallier Rafel Bonnici Calì hu tal-fehma li dan ix-xogħol hu ta' Gian Nicola Buhagiar u hu xogħol tas-seklu 18.[18]



L-aħħar eżempju ta' dan it-tip ta' kwadru Ġużeppin insibuh fil-mużew tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. Hawn naraw lill-Madonna tredda' lil Ġesù, waqt li San Ġużepp qed iħares lejn viżjoni tas-salib merfugħ minn qatta żgħira ta' anġli. Naraw ukoll lit-tfajjel San Ġwann Battista jbus sieq il-Bambin. Ta' min jgħid li verżjoni ta' dan ix-xogħol tinsab fis-sagristija tal-Katidral ta' Oporto, il-Portugall.

## IR-RWOL TA' SAN ĠUŻEPP BĦALA MISSIER

Dan it-tip ta' kwadru nsibuh f'xi knejjes. Waħda minnhom hi l-knisja parrokkjali tal-Imsida. Dan ix-xogħol sar fl-1890. Hawn naraw lil San Ġużepp bħala raġel xwejjaħ flimkien mat-tfajjel Ġesù bilwleqfa ħdejh. Dan hu xogħol ta' Michele Cortegiani (1857-1928), artist minn Palermo. Dan ix-xogħol tħallas minn Monsinjur Francesco Falzon, ħu l-Beatu Nazju Falzon, li kien benefattur kbir ta' din il-knisja. Dan l-att ta' donazzjoni jinsab fl-atti tan-Nutar Gioacchino Frendo u jġib id-data tal-21 ta' Marzu 1887.[19]

Kwadru ta' dan it-tip jinsab ukoll fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Konventwali tar-Rabat, Malta. Dan sar minn Lazzaro Pisani fl-1897. Hawn naraw lil San Ġużepp iżomm id il-Bambin. Dan ix-xogħol hu datat u ffirmat.[20] Pittura oħra ta' dan is-suġġett Ġużeppin tinsab fil-knisja parrokkjali tal-Ħamrun. Din hi xogħol Giuseppe Calì u hi kkunsidrata bħala opra unika. Sar fl-1884. Naraw lil San Ġużepp f'bitħa Maltija, li qed tirrappreżenta d-dar ta' Nazaret. Ma fiha xejn nieqes, anke basket imdendel u qasrija bil-fjura. San Ġużepp, liebes ilbies tradizzjonali bil-kabozza fuq rasu, jidher

REFERENZI

14. Casha, A. *The Presence*... op cit: 250.
15. Casha, A. *The Presence*... op cit: 252.
16. Casha, A. *The Presence*... op cit: 250.
17. Buhagiar, M. *The Iconography of the Maltese Islands, 1400-1900, Painting*. World Confederation of Salesian Past Pupils of Don Bosco, Lions Club (Malta), 1987: 128.
18. Bonnici Calì, R. *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*. Malta, 1973: 78.
19. Casha, A. *The Presence*... op cit: 250.

li qed jaħdem. Il-Bambin jinsab ħdejh. Hemm ħarsa ta' missier f'wiċċ San Ġużepp. Fl-opinjoni tiegħi dan hu wieħed mill-isbaħ xogħlijiet ta' Giuseppe Calì. Mhux ta' b'xejn li waħda mill-gazzetti ta' dawn iż-żminijiet, il-*Corriere Mercantile Maltese*, fil-ħarġa tat-3 ta' Diċembru, kitbet hekk: *"La sua recente opera S. Giuseppe è degna di stare in una delle prime chiese del mondo."* (L-opra riċenti tiegħu *San Ġużepp* ħaqqha tkun f'xi waħda mill-aqwa knejjes tad-dinja.)[21]



Fil-knisja tal-patrijiet Karmelitani nsibu pittura Ġużeppina li saret fl-1892. Naraw lil San Ġużepp bħala kustodju ta' Ġesù. Dan hu xogħol Giuseppe Calì.[22] Xogħol ieħor li juri r-rwol ta' San Ġużepp bħala missier tal-Bambin hu kwadru li jinsab fid-Dar San Ġużepp, li hija mmexxija mill-membri tas-Soċjetà ta' San Pawl f'Santa Venera. Naraw ix-xwejjaħ Ġużeppi jżomm b'żewġ idejn il-Bambin Ġesù. Kwadru li juri s-sentimenti qawwija li kellu Ġużeppi Calì meta pitter dan ix-xogħol. Wiċċ il-figuri hu xi ftit romantiku, forsi magħmul hekk biex iwassal il-messaġġ ta' kustodja lil min jara dan ix-xogħol.

## SUĠĠETTI VARJI

Fost is-suġġetti Ġużeppini naraw il-ħarba lejn l-Eġittu, l-aktar xogħol Importanti b'dan is-suġġett: *La Sacra Famiglia Fuggente in Egitto*. Il-kwadru għandu valur kbir storiku għaliex kien jintuża bħala kwadru titulari tal-kappella ta' San Ġużepp, li tinsab magħquda mal-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, ir-Rabat.[23] Joseph Sultana jgħidilna li fl-1590 il-fratelli tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat, Malta ordnaw għall-kappella tagħhom pittura, li turi l-ħarba lejn l-Eġittu, mingħand il-pittur Fjamming Matteo Purbus. Sultana jkompli jikkwota lil Patri Ġorġ Aquilina, li sab x'riedu l-fratelli meta ordnaw dan il-kwadru storiku. Dan il-kuntratt fih ukoll il-kobor tal-kwadru u fejn għandu jitpitter.[24] F'dan ix-xogħol naraw li minbarra l-ħarba lejn l-Eġittu tal-Familja Mqaddsa hemm ukoll, fil-parti t'isfel, funeral proċessjonali tal-fratelli ta' San Ġużepp, li kienu jagħmlu mill-Imdina sar-Rabat. Skont Sultana, Matteo Purbus pitter dan ix-xogħol til-kunvent tal-patrijiet Franġiskani Osservanti (Minuri) tar-Rabat, Malta.

Insibu xogħol ta' Giuseppe Bonnici (1835-1900) li sar fl-1866 għar-Rotunda tal-Mosta.[25] Insibu l-istess suġġett affresk li jinsab fil-knisja arċimatriċi ta' Ħal Tarxien, sewwasew fil-kor tal-knisja. Din hi xogħol Ġużeppi Calì u tħallset minn Adilon Caruana. San Ġużepp ġie mogħti minn Calì parti importanti f'dan ix-xogħol maestuż.[26]

Xogħlijiet oħrajn fejn jidher San Ġużepp huma dak li juri l-adorazzjoni tal-Maġi, iż-żwieġ ta' San Ġużepp u Marija Santissima u l-għoti tar-rigal lill-Bambin mingħand San Ġużepp. Eżempji ta' dawn ix-xogħlijiet insibuhom fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien (*L-Adorazzjoni tal-Maġi*), ir-Rotunda tal-Mosta (*Iż-Żwieġ*) u fil-kappella privata fil-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa (*L-Għotja tar-Rigal*).[27]

**REFERENZI**

20. Casha, A. *The Presence...* op cit: 250.
21. Casha, A. *The Presence...* op cit: 251.
22. Casha, A. *The Presence...* op cit: 252.
23. Katalgu tal-wirja *San Ġużepp fil-Gżejjer Maltin – wirja storika*, 1997: 16-17.
24. Sultana, J. "L-Oriġini u l-iżvilupp tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat ta' Malta", *Leħen il-Komunità Ġużeppina tar-Rabat tal-Imdina – Festa 2014:* 104-106.
25. Casha, A. *The Presence...* op cit: 249.
26. Casha, A. *The Presence...* op cit: 252.
27. Casha, A. *The Presence...* op cit: 249-252.

FR MARIO ATTARD OFMCap



# X'DEDIKAZZJONI TAL-GĦAĠEB!

Kellha tlett itfal bniet. Ilkoll jieħdu ħsiebha kif għandu jkun. U forsi aktar minn dak li għandu jkun ukoll. Għax daqqa ġejja waħda u mbagħad ġejja l-oħra. Bħad-dgħajjes tas-salvataġġ. Flimkien ma' żewġha, ilkoll kemm huma kienu, tista' tgħid, imrewħa ta' solidarjetà! Imħabba! Dedikazzjoni!

## DEJJEM BI TBISSIMA

It-tbissima qatt ma kienet tgħib minn fuq wiċċha, u meta kont inżurha, fid-diversi stadji tal-marda tagħha, kienet tabilħaqq l-għaxqa tagħha li nberikha. Kemm kienet temmen fil-barka tas-saċerdot! Għax fis-saċerdot kienet tilmaħ mhux lilu imma lil Kristu, li jirrappreżenta fil-kult u barra l-kult. U anki jekk f'dak iż-żmien ma konniex nistgħu nidilku żejt fuq l-imħuħ, minħabba l-biċċa ta' dak il-misħut ta' Coronavirus, għajr u dejjem dak tas-sagrament tad-Dilka, biss kemm kienet tifraħ kull darba li kont inberikha bl-ilma mbierek! Qisu din l-esperjenza għallmitni li l-ebda virus ma jista' qatt jieqaf jew jazzarda jwaqqaf il-barka tal-Mulej, li, għax ġejja mill-Artist tal-artisti, taf tieħu diversi forom!

## DEJJEM B'ŻEWĠ ANĠLI MAGĦHA

Minħabba li l-agunija tagħha karkret fit-tul kien ikolli ċans ngħaddi sa ħdejn sodditha. Lejl u nhar qatt ma kienet tkun waħedha. Dejjem kellha ż-żewġ anġli sentinelli, li kienu ħdejha biex jieħdu ħsiebha u jħarsuha. Hekk, mal-lejl kienu joqogħdu l-kbira u ż-żgħira filwaqt li mal-jum kienu jintasbu ħdejha żewġha u bintha l-fustanija. Il-kalma li kien hemm madwar sodditha kienet tassew tal-għaġeb! Kellha l-grazzja li fil-kamra fejn kienet qiegħda, is-sodda ta' ħdejha kienet battala. Dan kien ifisser li l-attenzjoni kollha, kemm tal-kamra kif ukoll tas-skiet li kien hemm isaltan fiha, ilkoll issa kienu kollha kemm huma kkonċentrati fuqha.

Kont nidħol ħdejha bil-mod il-mod u b'ħafna rispett, kif jixraq lil persuna li kienet qiegħda tħalli din id-dinja. Min kien ikun hemm preżenti ħdejha lkoll kemm huma kienu jieħdu pjaċir bil-preżenza tiegħi. Kont nistħajjilhom qishom nies mejtin bil-għatx u li għal qatra ilma friska kienu lesti li jagħmlu minn kollox, basta jiksbuha! Ħa jistejqru xi ftit! U kellhom raġun bil-bosta, ħbieb, li jħossuhom hekk! Min m'għandux bżonn ta' ftit



serħan, u fuq kollox tal-faraġ? U mhux anki jien, il-kappillan, mhux ukoll għandi bżonn tal-faraġ? F'kelma waħda ta' dak il-faraġ li jgħaddi lil kull faraġ li moħħ il-bniedem qatt jista' jimmaġina li jkollu? Mhux anki jien mejjet bil-għatx għal dak l-ilma frisk u ħaj li ħiereġ, mingħajr ma jieqaf, u jgelgel mingħajr waqfien biex jiffriska lil dak li għandu bżonnu? Mhux anki jien imxennaq għal dak il-kliem li jgħid, fil-kitba l-aktar imqaddsa tal-Kelma t'Alla, l-Għaref tal-għorrief: Kliem l-għaref bħal ilma fond, għajn l-għerf nixxiegħa ta' ilma ħaj (Prov. 18:4)?

**MINGĦAJRI MA TISTGĦU TAGĦMLU XEJN** (Ġw. 15:5)
U min hu l-għaref jekk mhux Dak li qal: Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn (Ġw. 15:5)? Mhux hu li qalilna li jekk ma nibqgħux fih aħna ninxfu u mmutu? U x'nagħmlu jekk immutu? Għal xiex tabilħaqq inkunu tajbin? Iva, ħbieb! Kien tassew dan l-għatx għall-Mulej li ġibidni bis-sħiħ biex immur ħdejn din oħtna u l-familja tagħha, u nħalli dan l-għatx klubi għall-Mulej imexxini biex inħallih jgħinni nkun ta' sostenn għaliha u għal dawk ta' madwarha.

Waqt li kont inqatta' ħin sewwa ħdejhom kont nintlaqat ħafna minn ħaġa waħda: xi grazzja meta jkun hemm trobbija tajba! L-għaliex trobbija tajba hi l-ambjent naturali biex dan il-għatx għall-Mulej jikber fuq li jikber! Trobbija tajba hi l-ġnien imsoqqi tajjeb li fih jista' jintgħamel frott il-virtù! 'Kemm kienet tisserja waqt it-talb! Ħadd minna ma kien jiċċajtalha f'dak il-waqt!' qaltli waħda minn uliedha. Imma dak li ħadu dawn it-tlett ibniet bil-għaqal: f'kelma waħda d-doża tat-talb!

U kienet din id-doża li fetħitilna quddiem għajnejna orizzont sħiħ ta' kura għal din oħtna. Għax wara li tlabna minn qalbna r-rużarju u l-kurunella tal-Ħniena Divina, flimkien mal-għoti tal-assoluzzjoni mqaddsa bl-indulġenza plenarja, l-Ispirtu tal-Mulej tana l-grazzja li nsemmgħulha d-daqqa sabiħa ta' Mons. Marco Frisina: *La crocifissione di Pietro.*

O kemm tatha serħan din id-daqqa mill-isbaħ! Hekk kif konna fl-ewwel sigħat ta' jum id-29 ta' Ġunju, is-solennità taż-żewġ appostli u kolonni kbar tal-Knisja, San Pietru u San Pawl, jiġifieri ta' Pietru li stqarr il-fidi u ta' Pawlu li xerridha ma' kullimkien! Mela l-istess kif kienet qed tevanġelizzani din is-sitwazzjoni li kelli quddiemi! L-għaliex l-ewwel u qabel kollox fakkritni li meta jkun hemm it-talb u l-ġabra fil-familja, l-għawġ isaħħaħ u mhux ixaqqaq l-għaqda tagħha. It-tieni, tant kemm sfajt milqut minn din l-evanġelizzazzjoni tal-vanġelu tal-familja li llum qiegħed hawn, wara t-tastiera, bil-għan li din l-istorja tintiseġ u tingħaqad bil-bosta, bil-għan li titwassal fil-kmamar sħaħ jew friski ta' darek.




**'IL-ĦAJJA TAL-BNIEDEM FUQ L-ART HI ĠLIEDA'**
(Ġobb 7:1)
Din il-mara fakkritni f'dak li naqraw fil-ktieb klassiku tal-ispiritwalità Nisranija: *L-Imitazzjoni ta' Kristu* ta' Thomas à Kempis (1380-1471), fejn fl-ewwel ktieb jitħaddet dwar il-ħsibijiet ta' għajnuna fil-ħajja tar-ruħ. Fit-tlettax-il kapitlu tiegħu dan l-awtur Medjevali Ġermaniż-Olandiż u kanonku regolari kiteb hekk: "Sakemm nibqgħu ngħixu f'din id-dinja ma nistgħux naħarbu t-tbatija u t-tentazzjoni. Hemm miktub fil-ktieb ta' Ġobb: 'Il-ħajja tal-bniedem fuq l-art hi ġlieda' (Ġobb 7:1). Għalhekk kulħadd għandu jishar kontra t-tentazzjoni u għandu jishar fit-talb jekk ma jridx li x-xitan, li qatt ma jorqod imma jħuf billi jfittex lil min jibla', isib l-okkażjoni li jqarrqu biha."

U x'għamlet din oħtna jekk mhux iġġieldet lix-xitan bit-talb li kienet tħobb titlob? U kien it-talb li mhux biss żammha fostna imma wkoll wassal lilna nitolbu magħha. Kważi kważi bl-istess dedikazzjoni li kellha hi.

*X'dedikazzjoni tal-għaġeb!* ■

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# "INKUNU B'SAĦĦITNA F'DINJA MARIDA"

Qed nisimgħuha spiss l-għajta "Ma ndumux ma nerġgħu lura u nkunu fil-ħajja li konna qabel!" Kliem li ġej minn diversi nħawi, kemm awtoritajiet u wkoll nies fin-negozji li għalihom dawn ix-xhur twal ta' prova kienu żminijiet diffiċli li anke postijiet tax-xogħol kienu mhedda! U aħna wkoll li meta f'Ġunju qalulna li nistgħu nibqgħu sejrin is-sajf kollu u mbagħad "nieħdu r-ruħ"... dakinhar bilkemm ridna nemmnu. Imma hekk kien u hekk hu. Qed nikteb f'nofs Settembru meta ħafna, jew mhux ħafna, ħasbu li l-pandemija tkun għebet, għalkemm kif qalu xi wħud, anke serji, din il-qagħda tista' titwal.

Imma l-Papa Franġisku mhux hekk jgħidilna, b'konvinzjoni, b'qalb ta' missier li veru jħobb lil uliedu kollha, u b'viżjoni ta' ġid għall-umanità kollha. Allaħares nerġgħu għall-ħajja ta' qabel, għax ikun ifisser li ma tgħallimna xejn minn dak li Alla jrid jgħidilna.

## L-ITTRA ENĊIKLIKA ĠDIDA

Dan hu l-messaġġ qawwi li spiss joħroġ minn qalbu, taħt forma jew oħra, f'bosta ċirkustanzi u nistgħu ngħidu wkoll f'kull okkażjoni li jkollu, jitkellem ma' min jitkellem u jitkellem fuqiex jitkellem. Fil-fatt il-Papa Franġisku ser ixandar ittra enċiklika oħra, did-darba fuq hekk. Skont l-aħħar aħbarijiet qrib il-Vatikan ser ikun jisimha *Aħna lkoll Aħwa*, dwar il-familja umana, u ser jiffirmaha fuq il-qabar ta' San Franġisk fit-3 t'Ottubru. Hekk il-Papa ser jiġbor ħsibijietu fuq dan is-suġġett għal qalbu ħafna, f'dan id-dokument solenni tal-Maġisteru tal-Knisja.

Konna qed ngħixu, jew aħjar ġejna mdorrijin ngħixu, kif inkunu għaddejjin tajjeb aħna, u forsi dawk l-eqreb tagħna u madwarna, mingħajr ma konna qed nitfgħu ħarsitna 'l hemm mix-xefaq ta' ħajjitna, 'iżolata', maqtugħa għaliha nnifisha... "Basta jien u ta' madwari tajbin"... Meta tiġi l-opportunità ġieli kont indaħħal idejja fil-but jew niffirma xi ċekk biex ngħin jien ukoll.

Tidher ħaġa tajba u ta' min jinkuraġġiha aktar, u ħafna. Imma mhux biżżejjed. Il-Papa Franġisku, fi mħabbtu għall-Knisja u għall-umanità kollha, qed jistieden lil kulħadd, individwi, nies li għandhom xi sehem mit-tmexxija, min għandu l-mezzi, u oħrajn, biex nagħrfu li aħna 'familja umana waħda'.

Permezz ta' dan il-virus il-Mulej qed isejħilna għal din il-bidla radikali. Veru li mhix komda, għax drajna kif konna mexjin, forsi anke ngħinu lil min huwa nieqes madwarna u nserrħu rasna! Hekk ukoll kien esprima ħsibijietu l-Papa fid-diskorsi



li ġabrulu apposta: *La Vita dopo la Pandemia* ("Il-Ħajja wara l-Pandemija") bid-daħla sabiħa ħafna tal-Kard. Czerny (Lib. Ed. Vat.) li dwaru ktibt fil-ħarġa ta' qabel din.

## IL-PAPA QED JURIHIELNA B'ĦAJTU

Il-Papa Franġisku dan urihulna sa mill-ewwel jum li fih intgħażel bħala papa. Niftakru li ġa ilu seba' snin u nofs jurihulna, fuq b'kollox bl-imġiba tiegħu.

L-ewwel nett u fuq kollox fir-riforma tal-Knisja. Jekk irridu Knisja isbaħ u aħjar, li tkun tista' twassal il-messaġġ tal-Evanġelju b'qawwa ikbar u li jiftiehem aktar malajr, l-ewwel il-Knisja nnifisha, jiġifieri aħna lkoll, irridu nkunu qed ngħixu dan b'mod sħiħ minn qabel. Għalhekk itenni li l-vera riforma tibda "minni"!

Irridu nkunu konxji li l-Knisja teħtieġ dan, u l-mediċina waħda "anti-Coronavirus" tibda minni, minni personalment. Hija pillola qarsa u b'togħma xi ftit ma tingħoġobx, imma hija l-waħda meħtieġa.

## NIRBĦU L-EGOIŻMU FUQ IL-LIVELLI KOLLHA

Mhux biss il-Knisja, imma s-soċjetà kollha li fiha qed ngħixu jew li aħna stess fassalna u qed infasslu għal ta' warajna. Il-Papa ma jegħjiex jirrepeti li qed ngħixu "f'soċjetà mimlija egoiżmu; għax il-bniedem min-natura tiegħu sar egoist", jaħseb fih innifsu l-ewwel u



qabel kollox. U dan jgħodd fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha. Kemm smajnieh anke dan l-aħħar jirrepeti u jisħaq bil-qawwa, biex insemmu eżempju wieħed, li l-vaċċin kontra l-virus tal-pandemija jrid jasal ukoll għand il-popolazzjonijiet fqar ta' ħutna bnedmin bħalna imma li m'għandhomx mezzi bħalna!

Kemm smajnieh jisħaq fuq it-tneħħija assoluta tal-armi nukleari mill-imħażen u l-biljuni jitqassmu aħjar fost min l-aktar jeħtieġ għajnuna għall-għajxien ta' kuljum! Kemm smajnieh, ilbieraħ u llum, jisħaq li l-ġid tad-dinja huwa patrimonju ta' kulħadd!

Imma kemm għadna 'l bogħod f'din it-triq! Xi drabi forsi għadha anqas inbdiet jew kemm kemm inbdiet!

Din hija d-dinja marida madwarna, qrib jew bogħod. Jekk irrid ngħix b'saħħti jeħtieġli nagħraf li t-Tabib qiegħed hemm u għandu l-"vaċċin" lest. Ilu li tahulna elfejn sena u jew rajnieh qares, jew skomdu, jew mingħajru ħassejna ruħna komdi aktar u drajna tassew... jew xi raġunijiet oħra.

Imma l-Papa Franġisku jtennilna, fl-ispirtu ta' Missierna San Franġisk, il-qaddis li ismu għażlu għalih bi programm ta' ħajtu bil-konvinzjoni determinata ta' Sant'Injazju, li tiegħu huwa iben l-aktar denn, li jekk ma ngħixux l-Evanġelju llum bil-valuri tiegħu, li ftit jew wisq ġew imwarrba, jew warrabniehom aħna stess, inħallu dinja marida b'dan il-virus qawwi u qerriedi li qed jifniha u jkompli jnawwarha bil-mod il-mod. Għalhekk ukoll il-Papa jrid jerġa' jmur Assisi, fuq il-qabar għażiż ta' Missierna San Franġisk, u hemm jiffirma din l-enċiklika ġdida: *Aħna lkoll Aħwa.*

Nitolbu b'fidi sħiħa b'dan l-iskop quddiemna; niftakru f'talbna għal kull min fid-dinja għandu sehem mir-responsabbiltà ta' dan u fuq kollox għallna nfusna blex noħorġu minn din il-qagħda kiefra li qed tifni l-umanità u lilna stess u ngħixu bħala aħwa f'kollox, kif riedna l-Imgħallem tagħna, il-Mulej Ġesù. U wkoll nitolbu bil-qalb biex din l-enċiklika l-ġdida li ġejja tintlaqa' b'qalb kbira u miftuħa u titqiegħed fil-prattika minn kulħadd. ■



TRADUZZJONI
JOE DEBATTISTA

# KONTRADIZZJONIJIET

Din hija riflessjoni kemxejn iebsa dwar it-tip ta' ħajja li qed ngħixu llum imma waħda li tista' tgħinna nagħmlu ftit il-kontijiet magħna nfusna, partikolarment fid-dawl ta' dan il-perjodu diffiċli li għaddejja minnu d-dinja minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

*Fost il-ħafna kontradizzjonijiet li niltaqgħu magħhom fil-ħajja li qed ngħixu llum insibu dawn:*

- Illum il-bini dejjem tiela' 'l fuq imma l-paċenzja dejjem nieżla 'l isfel.
- Għandna toroq aktar wesgħin imma mentalità aktar ristretta.
- Nonfqu dejjem aktar imma donnu qatt m'għandna biżżejjed.
- Nixtru ħafna imma kuntenti ftit.
- Għandna djar akbar imma familji dejjem iżgħar.
- Għandna aktar kumdità imma ftit ħin għal xulxin.
- Nixorbu u npejpu ħafna, nonfqu l-flus bl-addoċċ imma nidħqu ftit wisq.
- Għandna ħafna diplomi imma ftit sens komun.
- Naraw ħafna televiżjoni imma nitolbu ftit li xejn.
- Illum għandna aktar għarfien imma inqas ħsieb ċar u meqjus.
- Żdiedu ħafna l-esperti u żdiedu aktar il-problemi.
- Hawn aktar mezzi ta' komunikazzjoni imma anqas kuntatti reali u umani.
- Tgħallimna ngħaġġlu u niġru imma ma nafux nistennew.
- Immoltiplikajna l-akkwisti imma naqqasna l-valuri.
- Għandna aktar armamenti imma inqas paċi.
- Inparlaw ħafna u nigdbu spiss imma rari nħobbu.
- Nafu kif naqilgħu l-għajxien tagħna imma ma tgħallimniex kif ngħixu.
- Żidna s-snin tal-ħajja imma ma żidniex il-ħajja fis-snin li ngħixu.
- Morna fuq il-qamar u ġejna lura imma nsibuha bi tqila naqsmu t-triq biex niltaqgħu mal-ġirien.
- Nesiġu li jkollna ambjent nadif fejn ngħixu imma ftit li xejn nagħtu kas li niġġisna l-ambjent ta' ruħna.
- Farrakna l-atomu imma mhux il-preġudizzji.
- Nitkellmu dwar il-paċi fid-dinja u mimlijin problemi ta' vjolenza domestika.
- Żdied il-lussu imma naqsu l-kuntentizza u l-hena.
- Il-koppji għandhom dħul doppju imma d-divorzji dejjem jiżdiedu.
- Għandna djar isbaħ imma familji mkissrin.
- Il-profitti żdiedu imma r-relazzjonijiet tajba le.
- Iffissati fid-dehra ta' barra u ma nagħtux kas kif aħna minn ġewwa.

***Dawn huma żminijiet meta l-vetrini tagħna jidhru mimlijin imma fl-imħażen ta' qalbna hemm vojt kbir.***

FR WISTIN ATTARD OFMCap



# TISLIBA NRU 186



1. X'għamel lil dawk li ma emmnux. (Ġuda 5) (5)
2. Danjel, Ħananija, ... (Dan. 1, 6) (6)
3. Hekk kienu l-aħbarijiet. (1 Tess. 3, 6) (5)
4. Iġbidni warajk, ejja **nħaffu**! (Għan. 1, 4) (5)
5. Nagħtu ħajjitna għal dawn. (1 Ġw. 3, 16) (4)
6. Għobed, Ġesse u dan. (Rt 4, 17) (5)
7. Deher ma' Mosè jitkellem ma' Ġesù. (Mk 9, 4) (5)
8. Minn dawn jingħażlu minn xulxin. (1 Kor. 14, 7) (5)
9. Missier Simgħi. (1 Slat. 4, 18) (3)
10. Jekk tajt rahan għal dan. (Prov. 6, 1) (7)
11 u 12. Bħal iljun u bħal din. (Num. 24, 9) (6)
13. Hekk nagħmel bil-Mulej. (Is. 61, 10) (6)
14. X'għamel Ġakobb lejn ir-raba'. (Hos. 12, 13) (5)
15. Għerf tal-ġisem u ta' dan. (Ġak. 3, 15) (5)
16. Minn kull Qawwa u ... (Efes. 1, 21) (5)
17. Hekk hu l-jum tal-lum. (Ġdt. 12, 17) (5)
18. Il-qassis il-kbir. (2 Kron. 19, 11) (7)
19. Tad-dawl dawn. (Rum. 13, 12) (4)
20. Magħkom mill-aktar ... (Lhud 13, 19) (3)
21. Hekk kienet din l-omm. (Lq. 7, 12) (5)
22. Inħejjiha għas-sultan. (S. 132, 17) (5)

# AĦSEB U WIEĠEB

1. Min ma jidħolx mill-bieb hu: qattiel, ħalliel, għadu. (Ġw. 10, 1)
2. Min int, Mulej? Jiena: ħuk, ħabibek, Ġesù. (Atti 9, 5)
3. Hija ġġiegħel lil kulħadd issirlu: marka, tebgħa, laqgħa. (Apk. 13, 16)
4. Il-kelma ftit iddum għax ma jkollhiex: ilma, għeruq, xemx. (Mt. 13, 21)
5. Din hi ħaġa għal min kienet: mixtrija, lesta, imħejjija. (Mk 10, 40)
6. Levi għamillu laqgħa kbira: f'lukanda, f'restorant, f'daru. (Lq. 5, 29)
7. Min jidħol mill-bieb hu: is-sid, ir-ragħaj, il-ħabib. (Ġw. 10, 2)
8. Sawl fetaħ għajnejh u: ma setax jara, għorokhom, beda jara. (Atti 9, 8)
9. Ħadd ma jixtri u jbigħ bla: flus, isem il-Bhima, permess. (Apk. 13, 17)
10. Ma tagħmilx frott dik ta' qalb: it-tajn, il-ġebel, ix-xewk. (Mt. 13, 22)

**Agenda**bookshop

**Soluzzjoni għal Tisliba #185**

1. Smajt; 2. Elifaż; 3. Mulej; 4. Ħalla; 5. Ħabs; 6. Fidil; 7. Malku; 8. Arani; 9. Jaf; 10. Eħlisni; 11 u 12. Eżilju; 13. Jirfes; 14. Oħtok; 15. Isbaħ; 16. Faxxa; 17. Imutu; 18. Ħelisna; 19. Lsir; 20. Ram; 21. Onija; 22. Xjeħt.

## Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Settembru 2020

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tat-Tisliba Nru 185 hija: MARLENE XUEREB li toqgħod 33, 'Aurora', Triq Reggie Miller, il-Gżira GZR 1543. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni AQTA' MIN – NRU 39 hija TERESA TABONE li toqgħod 171, Flat 1, Mnarja Flats, Triq Riebu Well, ir-Rabat RBT 1601, Malta. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

### 1. BORŻA TA' STUDJU

sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

### 2. IBAGĦTULNA BOLOL TAJBIN JEW UŻATI

Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10.

### 3. NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA RĊEVUTI

tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

### 4. BAZAAR B'RISQ IL-MISSJONI

Minħabba l-kriżi tal-Coronavirus bħalissa l-bazaar b'risq il-missjoni fil-Furjana huwa magħluq. Għalhekk la qed isir bejgħ u lanqas qed naċċettaw għotjiet għall-bazaar.

### 5. QEGĦDIN NOĦORĠU ĦAFNA FLUS FI SPEJJEŻ TAL-POSTA

sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.
Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, Santa Luċija, Ħal Tarxien, l-Imsida u San Ġiljan.

### 6. GĦAJNUNA FL-EDUKAZZJONI TAT-TFAL

B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni - uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

### 7. INTENZJONIJIET GĦALL-QUDDIES

Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

### 8. META TIĠI BIEX TAGĦMEL IT-TESTMENT,

wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.




**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052